# IL-PULIZIJA



L-Isbaħ Xewqat

Vol. 6 Nos. 11,12.

# This book tells only part of the story




Mid-Med Bank provides an ever increasing range of banking services, assisting the individual whatever his needs may be.

Whatever your business or occupation, there's a Mid-Med Bank service that can help you.

Get the full story from any of our 44 branches and offices in Malta and Gozo.

**Mid-Med Bank**

Malta's Largest Bank.

MELITENSIA
30 DEC 1987

IL-PULIZIJA SETTEMBRU/DIĊEMBRU 1987

Organu tal-Pulizija
Stampat fil-Union Press
Editur: PC 512 Martin Ellul
Bord Editorjali: Spettur J. Agius, Surġent Maġġur A. Sciortino, Surġent Maġġur L. Grey, Surġent 649 M. Saliba, Surġent 307 J. Calleja, Surġent 1303 G. Scicluna, PC 720 A. Borg.

**KOPERTINA:**

**Kor tat-Tfal tal-Membri tal-Korp tal-Pulizija waqt il-Grand Police Show 1986**

Ritratt tal-kopertina meħud minn P.C. 720 A. Borg.

**EDITORJAL**

# XEWQAT SBIEĦ

*Reġa' wasal il-Milied.*

*Il-Milied magħna. F'dan il-perijodu kull membru tas-soċjetà jibda jaħseb sabiex iwassal ix-xewqat sbieħ tiegħu lill-membri l-oħra tas-soċjetà. Hemm ħafna forom ta' kif dawn ix-xewqat jitwasslu. Min jibgħat il-kartolini, min iwassal xi rigali, u min jorganizza xi attività li fiha jipprova jiġbor lil tal-familja u ħbieb sabiex flimkien jaqsmu l-ferħ ta' dan iż-żmien.*

*F'dan iż-żmien, għal ċerti pulizija ma jkunx faċli li jiċċelebraw mal-familji tagħhom u/jew mal-ħbieb li forsi jkunu ilhom ma jiltaqgħu magħhom. F'dawn iż-żminijiet, il-Pulizija jkollu aktar xogħol x'jagħmel sabiex iżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku u nisperaw li l-pubbliku jagħraf ikun modest fil-ferħ tiegħu u jgħin lill-Pulizija sabiex waqt xogħlu jkun f'pożizzjoni li jkun jista' jgawdi xi ftit minn dan il-ferħ li żmien bħal dan iġib miegħu.*

*Minn dan il-perjodiku, il-Bord Editorjali jwassal ix-xewqat sbieħ lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija u lill-familji tagħhom u lill-poplu kollu ta' rieda tajba.*

## Il-Pulizija f'attività pubblika

*Żmien bħalma huwa l-Milied joħloq ċerti ideat. Kulħadd jipprova jorganizza xi ħaġa ġdida. Dan kien il-ħsieb tal-Bord Editorjali ta' dan il-perjodiku. Aħna staqsejna lilna nfusna x'tista' tagħmel il-Pulizija biex tferraħ aktar lill-poplu u anke tgħin lis-soċjetà ekonomikament.*

*Nafu li f'pajjiżi oħra l-Pulizija torganizza sfilati u attivitajiet simili bħala attrazzjoni turistika. Aħna naħsbu li dan jista' jsir ukoll mill-Pulizija Maltija. Bħal per eżempju, kulħadd jaf li l-Pulizija Maltija għandha l-Banda tagħha, li wara ħafna sagrifiċċji taħt tmexxija soda rnexxielha tistabbilixxi ċertu reputazzjoni fost is-soċjetà. Għandna wkoll il-Jazz Group tal-Pulizija. X'jista' jsir biex din il-Banda tkun aktar attiva fis-soċjetà? Inġibu eżempju.*

Ikompli f'paġna 2

## F'Din il-Ħarġa

Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ..... 2
Membri ġodda fil-Korp tal-Pulizija ..... 3/4
Rekluti ġodda fil-Korp tal-Pulizija jagħtu d-demm ..... 4/27
Crime: Prevention or Enforcement ..... 5/6
Għotja ta' Apprezzament għas-Sejba tal-Caravaggio ..... 6
The Police as First Aiders ..... 7/8
Donation to I/SM Harold W. Harrison ..... 8
Firearms ..... 9/10
Bormla fil-Festa ..... 11/13
Il-Pulizija u l-Eżerċizzi Fiżiċi ..... 12/13
Defamatory Libel and The Plea of Fair Comment ..... 14
Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti ..... 15/16/17/18
Paġna għan-Nisa ..... 19
Driving Under The Influence of Drink and Drugs ..... 20
Tberik ta' l-Oqbra tal-Korp tal-Pulizija fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata ..... 21
Paġna għat-Tfal ..... 22
McSweeney ..... 23/24
Addicted To Heroin ..... 24
Admissibility of Post Hypnotic Testimony ..... 25
L-Akkwarju ..... 26/27
Sports ..... 28/29/30

# MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

**• Dan l-aħħar reġa' ssemma li se titwaqqaf l-Akkademja tal-Pulizija. Ngħid reġa' ssemma għaliex konna smajna drabi oħra li kellha tiġi mwaqqfa din l-Akkademja iżda għal xi raġuni jew oħra din qatt ma saret.**

***Rapport mis-Surġent***
**649 M. SALIBA**
***Segretarju, Assoċjazzjoni tal-Pulizija***

Il-bżonn ta' l-Akkademja tal-Pulizija ilu jinħass – dan sabiex il-membri tal-Korp tal-Pulizija jkunu jistgħu jitħarrġu fix-xogħol tagħhom b'mod aktar professjonali. Fix-xogħol tal-Pulizija hemm bżonn li jkun hemm il-perfezzjoni, dan għaliex ix-xogħol tal-Pulizija huwa tant delikat li m'hemmx lok għad-dilettant, iżda jrid ikun hemm nies li fix-xogħol tagħhom ikunu pass aktar 'il quddiem minn dawk li jkollhom il-ħsieb li b'xi mod jew ieħor jiksru l-liġi.

L-Assoċjazzjoni dejjem insistiet sabiex il-membri tagħhom jingħataw it-taħriġ meħtieġ sabiex inkunu nistgħu nkunu aġġornati maż-żminijiet. Dan ma jfissirx għat-taħriġ fiżiku biss – iżda għandu japplika sew għal-liġijiet kif ukoll fid-diversi sitwazzjonijiet li ta' kull ħin il-Pulizija jista' jiltaqa' magħhom.

Kien hemm żmien fejn kienu jsiru "Seminars" ta' Jum u naħseb li kien joħroġ xi ħaġa ta' ġid minn dawn is-Seminars. Nappella sabiex dawn jerġgħu jibdew isiru biex b'hekk inkunu nistgħu ntejbu aktar is-servizz tagħna lejn il-pubbliku. Dan dejjem kien l-għan tagħna – għal servizz aħjar lill-pajjiż u fl-istess ħin, rispett u kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti għall-Membri tagħna.

L-Assoċjazzjoni ilha tinsisti ma' l-Awtoritajiet sabiex diversi talbiet li aħna ressaqna tingħata attenzjoni tagħhom, fosthom il-pensjoni wara ħamsa u għoxrin sena servizz; il-ġimgħa ta' erbgħin siegħa; il-ħlas fil-Ħdud u Festi, u diversi talbiet oħra. Uħud minn dawn it-talbiet huma drittijiet li ħaddiema oħra ilhom is-snin igawduhom, oħrajn hemm raġunijiet ġusti sabiex jiġu milqugħa.

Il-moral tal-Membri tal-Korp tal-Pulizija qatt ma kien għoli minħabba li l-Membri dejjem ħassew ruħhom diskriminati minħabba li qatt ma ngħataw dawn il-benefiċċji bħal ħaddiema oħra, jafu wkoll li ma jistgħu jagħmlu ebda pressjoni għat-talbiet tagħhom lejn l-Awtoritajiet bħalma għandhom il-ħaddiema li jkunu membri f'xi 'Trade Union'. Għalhekk aħna nħossu li tkun inġustizzja lejna minn min huwa responsabbli mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna, li jibqa' passiv għat-talbiet li ressaqna.

**KUMPENS XIERAQ**

Il-Membri tal-Korp għadhom qegħdin jistennew kumpens xieraq għas-sigħat żejda li kienu ħadmu fl-aħħar Elezzjoni Ġenerali. Dan mhux xi rigal li qegħdin nitolbu – iżda ġustizzja. Biżżejjed naħdmu aktar minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa mingħajr kumpens aħseb u ara kemm kien hemm sigħat żejda kemm waqt l-Elezzjoni kif ukoll qabel u matul il-kampanja elettorali. Nerġgħu ntennu li m'aħniex sejrin nirrinunzjaw għal dawk li huma drittijiet leġittimi tagħna – m'aħniex nitolbu la karità u lanqas rigali – iżda kumpens xieraq għas-sigħat żejda li ħdimna.

Naħseb li wasal iż-żmien sabiex l-Assoċjazzjoni tiltaqa' mal-Ministru responsabbli mill-Korp tal-Pulizija sabiex tkun tista' tiddiskuti miegħu d-diversi talbiet li hemm pendenti u fl-istess ħin tispjega ċar u tond x'hemm bżonn isir sabiex bil-mezzi li għandu l-pajjiż ikun jista' jsir dak it-titjib neċessarju fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Membri tal-Korp. Dan nistgħu ngħidu aħna għaliex ħadd daqs il-Pulizija u f'isimhom aħna l-Membri ta' l-Assoċjazzjoni ma nafu x'hemm bżonn isir fil-Korp sabiex jitneħħew dawk il-ħafna anomaliji li jeżistu.

Tiskanta meta tisma' lill-pubbliku jitkellem fejn għandu l-impressjoni li dak li jgawdu ħaddiema oħra japplika wkoll għall-Pulizija. Għalhekk nappellaw lill-Awtoritajiet tal-pajjiż sabiex il-Korp tal-Pulizija li huwa vitali għall-pajjiż jieħdu bis-serjetà t-talbiet li ilna nressqu ħalli fl-interess tal-pajjiż kif ukoll tal-Membri tagħna nkunu nistgħu nagħtu aktar xogħol b'riżultati aktar pożittivi.

## EDITORJAL

**•Ikompli minn paġna 1**

*Aħna nixtiequ li jsiru arranġamenti sabiex kull nhar ta' Sibt fil-għodu din il-Banda tal-Pulizija tagħmel marċ minn Bieb il-Belt tul Triq ir-Repubblika kollha u meta tasal ħdejn il-Palazz issir 'Change of the Guards'. L-istess marċ jibqa' tiela' minn Triq Merkanti lejn Kastilja u hemm ukoll isir 'Change of the Guards'. Dan jista' jsir per eżempju kull sagħtejn kull nhar ta' Sibt u għandu jkun reklamat fil-brochures tat-Turisti bħala attrazzjoni turistika. Aħna ċerti li dan ikabbar interess aħjar fost it-turisti u jinħoloq aktar kummerċ fil-Belt. B'hekk il-Pulizija tkun qed tgħin ekonomikament lill-pajjiż. Forsi ż-żmien tal-Milied ikun opportun sabiex din l-attività tara l-bidu tagħha.*

# Membri Ġodda fil-Korp tal-Pulizija



*Id-Deputat Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja jkellem lir-rekluti l-ġodda*

● Il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, Guido Demarco, ħabbar diversi miżuri li qed jittieħdu biex isaħħu l-Korp tal-Pulizija ħalli dan ikun f'pożizzjoni aħjar li jiddefendi d-drittijiet taċ-ċittadin billi, fost l-oħrajn, titrażżan il-kriminalità.

Dan qalu, meta kien qed ikellem lil 153 kuntistabbli ġodda li ħadu l-ġurament ta' lealtà waqt ċerimonja fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana, il-Ministru De Marco qal: L-Għases li hemm f'kull belt u raħal se jinfetħu kollha; se titwaqqaf Akkademja tal-Pulizija; se jsiru eżamijiet u se jiddaħħlu Spetturi ġodda; se ssir sejħa għall-applikazzjonijiet biex jiżdiedu aktar Kuntistabbli.

Il-Ministru Demarco qal li kien ta' unur għalih li jilqa' lir-rekluti l-ġodda fil-Korp tal-Pulizija.

Hu kompla biex qal li kull xogħol hu importanti iżda dak ta' membru tal-Korp tal-Pulizija hu missjoni importanti li dak li jkun irid jaqdi fl-aħjar interessi tal-poplu u libertajiet tiegħu.



*Ir-Rekluti ġodda waqt iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-Ġurament ta' Fedeltà*

**GĦAS-SERVIZZ TAL-POPLU**

"Intom dħaltu fil-Korp biex taqdu lill-poplu u tiddefendu d-drittijiet tiegħu. Ma dħaltux biex tkażbru lil xi ħadd iżda biex taraw li ħadd ma jkasbar lil xi ħadd ieħor u li ħadd ma jipprova jnaqqas il-libertajiet ta' ħaddieħor. Dħaltu fil-Korp biex tassiguraw li fil-pajjiż ikun hawn il-buon-ordni". Il-Ministru kompla qal li biex il-ħaddiem Malti jkollu l-impjieg tiegħu garantit irid bilfors ikun hemm fil-pajjiż. Fejn m'hemmx ordni, fejn m'hemmx il-libertà anke l-ħobż tal-ħaddiem ikun fil-periklu.

"Tifhmu għalhekk li meta qed tiddefendu lill-pajjiż minn min irid iġib id-diżordni u jikser il-Kostituzzjoni tkunu qegħdin ukoll tiddefendu l-ħobż tal-ħaddiem li għandu dritt jgħix fil-libertà". Il-Ministru qal li l-Ordinanza tal-Pulizija u l-Kodiċi Kriminali jirregolaw il-ħidma tal-Korp u jsemmu fost oħrajn li l-Korp qiegħed hemm għall-ħarsien tas-sigurtà u l-buon ordni biex iħares il-paċi, jipproteġi l-ħajja u l-proprjetà u biex jippreveni u jikxef reati u jwettaq dawk il-liġijiet a karigu tal-Korp. Il-Ministru qal li x-xogħol iqiegħed lill-Pulizija f'kuntatti kontinwi mal-poplu, kemm maċ-ċittadini serji u onesti kif ukoll ma' dawk li jridu jiksru l-liġi. Fil-waqt li ċ-ċittadin serju għandu dritt għall-protezzjoni tal-Pulizija, il-passi li jittieħdu kontra min jikkommetti reat għandhom jittieħdu fil-ħarsien sħiħ tad-drittijiet Kostituzzjonali ta' l-arrestat.

Il-Ministru Demarco żied jgħid li l-Pulizija jiltaqgħu ma' nies diversi anke fl-ideat politiċi tagħhom. Fil-waqt li ċ-ċittadin għandu dritt jipparteċipa f'attività

# MEMBRI ĠODDA FIL-KORP TAL-PULIZIJA

politika, l-Ordinanza tal-Pulizija tistabbilixxi li jkun ksur ta' fiduċja jekk xi membri tal-Korp ma jastjenux minn kull tali attività li x'aktarx tfixkel lill-Pulizija milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu u li x'aktarx tqajjem l-impressjoni fost il-pubbliku li tista' tfixkel b'dan il-mod.

Il-Ministru fisser li meta ħa l-kariga ta' Ministru ħa passi biex dan jinġieb a konjizzjoni tal-membri kollha tal-Korp. Filwaqt li l-Pulizija jżomm il-libertà tal-ħsieb u l-fehma, għax jokkupa kariga ta' responsabbiltà fil-konfront tal-poplu kollu m'għandux jieħu sehem fil-politika. Il-Ministru qal li ta struzzjonijiet biex din il-parti ta' l-ordinanza tkun osservata minn kulħadd speċjalment mill-fizzjali li jeħtieġu jagħtu l-eżempju tajjeb.

Il-Viċi Prim Ministru qal li s-soċjetà għandha dritt tgħix fil-paċi. "Filwaqt li kien hawn mewġa ta' serq, grazzi għall-ispirtu ġdid fil-Korp u għall-organizzazzjoni aħjar, il-mewġa mhux biss kienet ikkontrollata mill-Pulizija partikolarment mid-Dipartiment għall-Investigazzjoni Kriminali u Mobile Units, iżda s-serq naqas drastikament."

"Iċ-ċittadin għandu dritt igħix f'daru mingħajr ma jkun misruq u maqtul. Għaldaqstant il-Gvern iddeċieda li jżid in-numru ta' complement tal-Korp u se jkompli jżidu fi żmien qasir. Kull fejn hemm Għassa se tibda tinfetaħ u b'hekk iċ-ċittadin iħoss li hemm il-ġustizzja biex tiddefendih." Il-Ministru żied ifisser lill-membri l-ġodda tal-Korp il-ħtieġa tad-dixxiplina fix-xogħol, l-awtorità li m'għandha titnaqqas bl-ebda mod u l-ubbidjenza lejn l-awtoritajiet. Kwalunkwe ordni li tiġi minn min mhux awtorizzat tkun kontra l-liġi li r-rekluti ħalfu li josservaw.

Il-Ministru ħabbar li se jsiru korsijiet ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni għall-membri tal-Korp fl-Akkademja tal-Puħizija li tkompli tħarreġ lill-membri fix-xogħol divers li jaqa' taħt il-Pulizija. Hu qal ukoll li minn hawn u ftit ieħor se jsiru eżamijiet għal Spetturi u se jiddaħħlu kadetti biex isiru Spetturi wara perjodi ta' taħriġ. Nies li għandhom esperjenza twila tal-Korp u laħqu Maġġuri se jkunu jistgħu jilħqu Spetturi mingħajr eżami għax l-aħjar eżami wettquh waqt ix-xogħol tagħhom.

Il-Ministru qal li kien qed igħid dan biex juri lill-kuntistabblijiet ġodda li kull min hu attent, studja u jħares l-Ordinanza jkollu futur fil-Korp. Hu rrefera għal xi kitba li dehret fejn intqal li min jidħol pulizija se jagħmel ħafna flus. Il-Ministru qal li l-pulizija jgħixu ħajja diċenti iżda min kiteb dwar 'ħafna flus' aktarx li kien qed jimmaġina xi mod ieħor kif għamel il-flus hu.

Qabel id-diskors tal-Ministru, il-Kmandant tal-Pulizija u Kap Kmandant tal-Forzi Armati, il-Kurunell John Spiteri, introduċa lill-Ministru u wara li feraħ lir-rekluti l-ġodda qalilhom li biex jagħmlu suċċess jeħtieġ li jieħdu t-taħriġ li hemm bżonn. Dan it-taħriġ jikkonsisti f'kors ta' tmien ġimgħat. Wara, ir-rekluti l-ġodda ħadu l-ġurament ta' lealtà flimkien.

# Pulizija jagħtu d-demm

**• Bħalma kien isir fl-imgħoddi, hekk għadu jsir fil-preżent, u fiduċjuż li jibqa' jsir fil-futur, – fejn jidħol l-għoti tad-demm – grupp ta' Pulizija minn żmien għal żmien qegħdin jittieħdu jżuru l-Bank tad-Demm fil-Furjana u jagħtu d-demm.**

Fil-bidu ta' Settembru ta' din is-sena, grupp sabiħ ta' rekluti ġodda – eżatt 'l fuq minn mija u ħamsin (150) rekluta ħadu l-ġurament fil-Korp tal-Pulizija, biex b'hekk ingħaqdu mal-kumplament tal-membri tal-Korp tal-Pulizija biex flimkien jaqdu d-dover tagħhom mill-aħjar li jistgħu lejn il-komunità.

Matul il-kors tagħhom, dawn ir-rekluti ngħataw taħriġ f'diversi suġġetti tal-Pulizija, u minbarra hekk kellhom jersqu wkoll għall-eżami fl-aħħar ta' dan il-kors li ġie fi tmiem tiegħu fl-aħħar ta' Ottubru. Għalkemm xi diffikultajiet dejjem jinqalgħu matul dawn il-korsijiet, u wieħed ma jkunx irid jitlef ħin mil-lezzjonijiet biex b'hekk jitgħallem iżjed, meta saret is-sejħa għall-għoti tad-demm, għandi pjaċir ngħid li r-risposta kienet waħda pożittiva għall-aħħar.

Infatti b'kollox matul dan il-kors ġew meħuda erba' gruppi sabiex jagħtu d-demm, u b'kollox in-numru ta' dawn il-membri qabeż il-mija sew. B'hekk nista' liberalment ngħid li l-Korp tal-Pulizija qiegħed juri biċ-ċar li huwa minn ta' l-ewwel u ta' quddiem biex jgħin lil għajru f'dan l-aspett.

Nixtieq nagħlaq billi minn hawnhekk nirringrazzja minn qalbi lill-Kurunell J. Spiteri, Uffiċjal u Instructors oħra, li magħhom ħdimt fil-qrib matul dan il-kors, li mill-ewwel fehmu x'inhi s-sejħa u sabu ħin biex jibagħtu lil dawn ir-rekluti jagħtu d-demm.

•Ikompli f'paġna 27


BREWED & BOTTLED BY
SIMONDS FARSONS CISK LTD
MRIEHEL MALTA
HOPLEAF
1956
CONTENTS
28.5 cl
THIS LABEL IS ISSUED ONLY BY SIMONDS FARSONS CISK LTD BREWERS MALTA
TRADE MARK
HOP-LEAF
1960 1964
O.G.
1038-42°
PALE ALE
You deserve no less!
A quality beer from FARSONS

# GEORGE BARTOLO

**GENERAL MERCHANT**
**IMPORTS & STOCKISTS**

***MEMBER OF ASSOCIATED DISTRIBUTORS***

**10, MILE END STREET – ĦAMRUN**
**TEL: 628620 – 225180**

***General & Foodstuffs Wholesaler***

- ☐ A.D.L. JAM PRODUCTS
- ☐ HANS STEINHAUSER CHEESES, PEPATO, ROMANO, KEFALOTIRI

# CRIME: Prevention or enforcement?

by Sen. Insp. Angelo Farrugia Dip. Law & Adm (Malta)

•THERE are many ways of different approaches to the control of crime. The most obvious are prevention and enforcement. It is because the preventive is so difficult and full of uncertainties that it dismays all but the most determined. Far simpler, on the other hand, is the approach through enforcement, since all this entails is to await the commission of crime, pursue its detection and punish the offender. Admittedly the process of investigation is not easy in many cases; but the concept of enforcement is easier than that of prevention.

Another problem with the preventive approach is that it opens up the entire field of the body politic in the search for causes. Social behavioral and political scientists and criminologists have all emxplored the vast and complex field of caisation in pursuit of the answers to the problems of increases in crime in Western society like Malta, over the last forty years. Geneticists and other medical scientists are entering the field with serious ideas. Their answers have been many and varied and often contradictory. Much has been made out of it but in the end the most distinguished criminologists have had to admit that there is no easy answer to the causes of crimes. If causes are founded with certainty, the preventive approach will come into its own, providing the price is not too high.

The enforcement approach meanwhile carries few of these complexities. Provided that the law exists and the crime is identified, all that need follow is the pursuit and collection of proof. Discharging the burden beyond reasonable doubt raises difficulties, of course, particularly in the face of the many exclusionary rules of evidence and the right of silence enjoyed by the accused. In other words it is often said that it does not matter what is done to people in their growing and impressionable early years, for when they grow up they as individuals carry the responsibilities for their crimes, and the rest of society should not feel guilty about it. In the first place it is well known that out of similar circumstances some will go "straight" whereas others become delinquent, notwithstanding their position in society. Secondly that, given the same opportunities, some will abuse them for criminal purposes, others will use them legitimately. Some offenders reject the chances they are given to reform, betraying the system which tried to help them. All of these instances can be verified are easy to understand and are capable of reinforcing the view that only a "tough" line with the offenders will solve the problem. The extension of this valid argument leads on to the demand for increased police powers in certain liberal countries, and a reduction in the rights of the accused persons in the criminal trial. It follows that from this plausible line of argument that the attack on crime should be concentrated at this point and it makes an acceptable appeal to public opinion.

The enforcement approach relies for much of its success on the successful investigation of crime, followed by conviction and sentence. It follows therefore that crome which does not come to notice, remains undetected. It is generally agreed by those who have assessed or examined the phenomenon of crime unreported to the police, that only 10 to 15 per cent in UK for example of the total number of crimes committed, are in fact reported and come to the notice of the police. So if this figure applies to Malta, and about 5,000 crimes are reported annually here, this means that about 50,000 crimes were in fact committed. If on the other hand the solved crime rate is about 40 per cent than this amount only to less than 5 per cent of all the estimated crime locally. Of course this is a presumed hypothesis however it is based on an empirical result carried in 1977 in England and Wales. These figures however undermine the philosophy that pins the faith on the enforcement as the SINE QUA NON, of crime control. Futhermore the cost of dealing with only a small proportion of offenders is high when it is realised that the entire system of courts, penal, reformative and rehabilitative agencies is brought to bear on them.

On the other hand although a low proportion of crime is reported, it has to be remembered that the high proportion of serious crime comes to notice and the police are able to concentrate resources on its investigation. In Malta for example all cases of homicides, grievious bodily harm, armed robberies, and thefts consisting of high amounts of value are reported although in Gozo at a particular time in a small village, several thefts aggravated with violence were not reported due to the then powerful **Muerta** that prevailed. Allowances must also be made for the fact that frequently one offender commits more than one crime; so that although the number of crimes committed represents a higher number of victims, the number of offenders responsable will be lower. Therefore while the

# ATTARD BROS. CO. LTD.

## TA' QALI – Tel: 486980/621456



# BEJGĦ U ĠARR TA' MATERJAL

- ☐ Qatran tal-filata
- ☐ Waterproofing membrane
- ☐ Xibka mwassla bil-'high-up'
- ☐ Vireg u stirrups
- ☐ Katusi u fittings
- ☐ Siment
- ☐ Ġarr ta' torba
- ☐ Taħmil ta' plots
- ☐ Kiri ta' cranes u scaffolding



# GĦOTJA B'APPREZZAMENT GĦAS-SEJBA TAL-CARAVAGGIO

•FIX-XAHAR ta' Settembru 1987, is-Sur Charles Vassallo, Konslu Ġenerali ta' Malta f'San Francisco, California, ippreżenta lill-Ministru ta' l-Intern, Dr Guido Demarco LL.D. 500 dollaru Amerikan biex dan jgħaddihom lil Commanding Officer tal-Pulizija, il-Kurunell John Spiteri, biex jintużaw mill-fond tal-Pulizija. Din il-preżentazzjoni saret fil-Police Headquarters, fl-Uffiċju tal-Ministru stess, li għaliha attendew fost oħrajn il-Commanding Officer il-Kurunell John Spiteri, id-Deputat Kummissarju Anthony Mifsud Tomasi, l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Paul Attard, is-Suprintendenti Nikol Cutajar, Alfred Calleja, George Grech, Joseph Psaila u l-Ispettur Angelo Farrugia.

Is-Sur Vassallo qal li hu xtaq juri l-apprezzament għax-xogħol li għamlu l-Pulizija ta' Malta fl-investigazzjonijiet b'suċċess fis-sejba tal-pittura imprezzabbli tal-Caravaggio. Hu żied jgħid li ġietu din l-idea ta' donazzjoni wara li ltaqa' ma' l-Ispettur Farrugia waqt il-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Mosta f'Awissu li għadda.

Fir-ritratt is-Sur Vassallo jidher ma' l-Ispettur Farrugia mal-pittura tal-Caravaggio.

## CRIME:

# PREVENTION OR ENFORCEMENT

enforcement approach is sound, indispensable and essential for society's survival, it is true that too heavy a reliance on it, to the neglect of prevention, leaves society less well served that it otherwise may be.

Moreover measurement of crime control in terms of prevention is even less exact than in those of enforcement. Save under very strictly controlled research, the prospects of reliable assessment are small. This is one particular reason why prevention has not had the attention it deserves and so people are more conditioned to look for more justification in raw statistical proof. Prevention on the other hand, can have significant impact on both collective and individual attitudes. Even more preventive policies are of course much cheaper than enforcement policies. The high and escalating cost of criminal justice is not reflected in preventive policies, since existing resources like education, the media and those other agencies like Social Services, welfare and probation, can be made more effective by better co-ordination. It is also possible for the more obvious preventive policies such as tactical deployment of police.

Certainly the greater the success of preventive policies in organising communities against crime the greater is the contribution made to the quality of life and the more police can concentrate on enforcement goals. So a successful strategy will greatly depend on the successful fusion of the two.

Ref. Sparks, Genn and Dodd, "Surveying Victims" (Wiley 1977).




From Malta you can dial direct to GREECE (Code No: 030); FRANCE (Code No: 033); ITALY (Code No: 039); HOLLAND (Code No: 031); BELGIUM (Code No: 032); SWITZERLAND (Code No: 041); U.K. (Code No: 044); and WEST GERMANY (Code No: 049).

(*) To save 25% you can phone from Mondays to Saturdays from 9.00 p.m. to 8.00 a.m. Sundays ALL DAY

TELEMALTA OFFICES AT PACEVILLE ARE OPENED 24 HOURS A DAY FOR TELEXES - TELEGRAMS - OVERSEAS CALLS

telemalta corporation

# THE POLICE AS FIRST AIDERS

**• BY the very nature of their duties the police very frequently are among the first to arrive at the scene of an accident when they are expected to give first aid under difficult conditions, with no specialised equipment and hampered by idle onlookers or interfering busybodies. Under these conditions the first rule is not to panic, to make a quick but thorough examination of all the injured persons so as to be able to spot and treat life-threatening conditions without being distracted by more dramatic but less serious injuries which can wait. The hysterical, blood stained screaming casualty is not necessarily the one who needs attention first.**

By
**FRANCIS SALIBA**
MD., BsC, PhC,
DTMH, PMO.

**First Things, First.**

Ascertain immediately:-

**a) Is the heart beating strongly?**

**b) Is the casualty breathing regularly and without difficulty?**

**c) Is the casualty unconscious?**

**d) Is he in shock or about to go into shock?**

**e) Is the casualty bleeding severely?**

**f) Is it really necessary and safe to move the patient before the arrival of an ambulance and skilled medical assistance?**

**• STOPPED HEART**

Feel for the pulse of the carotid artery in the neck or listen to the heart beat directly by applying the ear to the chest wall over the heart. A stopped heart must be re-started within two minutes if permanent damage to the brain is to be avoided. Start "Rhythmical Chest Pounding" or "Cardiac Compression" immediately, about once every second, and persist.

**•DIFFICULT RESPIRATION**

If the breathing is **noisy and difficult**, round the neck and chest of the patient. With the forefinger wrapped in a handkerchief sweep around the mouth of the victim, wiping away any blood, vomit or dentures. With the patient lying down flat on his back hold the lower jaw upwards while keeping the head thrown back. Do not prop the victim's head forward by pillows under the head of an unconscious patient.

If the casualty is **not breathing at all** even after clearing the airway start mouth to mouth artificial respiration immediately, inflating the lungs about 15 times per minute and persist until skilled medical assistance arrives.

If it is necessary to give both artificial respiration and cardiac message to the same patient and assistance is not available alternate three or four cardiac compressions/poundings for every inflation of the lung.

**• UNCONSCIOUSNESS**

Can the casualty answer questions intelligently and follow instructions or is he unconscious?

If the patient is **conscious** comfort and re-assure him. Enquire about any injuries and any painful sites. A feeling of numbness or loss of power in the limbs must be assumed to signify injury of the spine or brain.

If the casualty is only **confused** observe carefully for any signs of deepening unconsciousness.

The **unconscious** patient is in imminent danger of suffocating by his tongue and chin falling backwards, inhaled blood or vomit. He must not be left unattended for one minute. His airway must be kept clear and he must be observed continuously for any stoppage of the heart and respiration. No food or drink must be given to the imperfectly conscious person or to anyone who is likely to need emergency surgical operations in the immediate future.

**• MOVING THE CASUALTY**

As a rule the injured person **must receive first aid treatment where he lies** if this can be done with safety to himself and to the first aider. The abominable practice of not waiting for an ambulance but of bundling the patient into the first available car and rushing him to hospital is a frequent cause of aggravating the injuries and even of killing the patient from shock, suffocation of the unconscious patient or failure to restore the heart beat and respiration promptly.

Sometimes the casualty has to be moved, unavoidably, because of an immediate danger from collapsing buildings, electrocution from high tension electric cables, asphyxiation from poisonous gases, inclement weather, busy traffic which cannot be safely diverted or fire risk from spilled petrol. In all cases but especially in the case of unconscious persons suspected to be suffering from spinal injury, the casualty must be moved gently with the back and neck kept absolutely, supporting injured limbs and maintaining a clear airway.

**• SHOCK**

This is shown by a weak pulse, usually very fast but sometimes very slow, pallor of the face, cold sweat and an anxious, tense expression. Unless treated promptly and adequately, the injured person rapidly faints and may even die. It is much easier to prevent shock than to treat fully established shock so act promptly. Keep the casualty lying down with the head slightly lowered, keep warm with blankets, elevate the limbs to divert the blood towards the heart and brain, stop any accessible bleeding, comfort and re-assure the conscious patient and avoid causing unnecessary pain by treating fractures and other injuries with the utmost gentleness.

**• BLEEDING**

This is a potent cause of shock and must be treated promptly if

# DONATION OF Lm635 TO I/SM HAROLD W. HARRISON



**On the 22nd June 1987, an explosion occurred at the residence of I/SM H. Harrison, as a result of which numerous household goods and personal belongings were lost or seriously damaged.**

**The Welfare Committee after considering the fact that this incident occurred because I/SM Harrison was a loyal member of the Police Force and the fact that whoever committed this *nefarious* act did so to intimidate him from performing such loyal duties agreed on compensation to alleviate the hardship sustained by I/SM Harrison and his family.**

**I/SM H. Harrison was donated the sum of Lm635.00c drawn out of the Police General Fund.**

# An appreciation from I/SM Harold W. Harrison

**1st Class Sgt. Major Harold W. Harrison**
**General Police Headquarters, Floriana.**

**The Welfare Committee,**
**Malta Police Force.**

**Just a short note to say thank you for your handsome contribution from the Police Fund.**

**This will help, in no small measure, to alleviate the expenses incurred in replacing furnishings destroyed following that eventful night last June.**

**Thankfully, we are now gradually settling down and indebted to all who showed moral and tangible support during our ordeal.**

**My wife joins me once again in thanking you all for your kind donation.**

**Yours sincerely,**
**HAROLD W. HARRISON.**

## THE POLICE AS FIRST-AIDERS

severe. Most cases of external bleeding can be easily and adequately controlled by direct pressure on the bleeding point at first with the bare hand and elevating the bleeding part while keeping the patient lying down. Later, firm bandaging over abundant dressings gives more lasting control.

**• FRACTURES**

These can frequently be detected by the presence of pain, tender swelling, deformity and abnormal movement of the broken limb. They are a potent cause of shock especially if involving the large bones and if treated roughly.

Immobilise the fracture by emergency splinting or strapping the broken limb to the healthy one (lower limbs) or to the side of the body or across the chest (upper limbs).

Do not attempt to straighten broken bones or to replace any broken bones which present in a wound. Just cover the wound with the cleanest available dressing and splint.

**• WOUNDS**

These should be covered with the cleanest available dressing and held or bandaged firmly in place. No attempt should be made to push back broken bones, intestines or other organs protruding from the wound. Any knives, tools etc. stuck in the wound must **not** be removed; the dressing is applied around them.

Any parts of the body amputated by the injury should accompany the casualty to hospital, packed in ice if possible.

"Sucking wounds" of the chest wall and bleeding wounds of the neck must be promptly occluded with air tight dressings firmly held in place. This is to prevent air being sucked in and out of the chest with every respiration preventing the lungs from inflating and to prevent air being sucked into the large blood vessels of the neck causing brain damage or sudden death.

**• CONCLUSION**

These notes are not an exhaustive account of all the First Aid procedures. They are only intended to suggest a routine which can be adopted in serious injuries in order ro prevent avoidable deaths or the aggravation of injuries until skilled medical assistance becomes available. The routine should be mastered until it becomes second nature and can be carried out automatically under the most difficult conditions.

The First Aid measures mentioned will be elaborated in subsequent issues. In the meantime practical demonstrations of the methods of resuscitation are readily available at the M.I. Room in the Police G.H.Q.



# FIREARMS

By
P.S. 1315
E. SAMMUT
(BALLISTICS UNIT)

PART 7

## WEBLEY & SCOTT AUTOMATIC PISTOLS

During their brief and unsuccessful flirtation with the heavy and over-powerful 'Mars' automatic pistol in 1899, Webleys set about designing their own, and the first experimental model appeared in 1903. This was for ·455 calibre, and progressive refinement continued for the next six years.

Sadly, the purity of line and balance of the revolver appearance deserted the designers of the automatics, whose outline was always angular, square and almost ugly. They have never been very successful, although they shoot well. One trouble which is often quoted, is their liability to jam when dirty and dusty, and it is true that the action is a title complicated and finely made.

## ·32 AUTOMATIC PISTOL MODEL, 1906

This blow-back operated pistol was first offered on the market in 1906, and was still being sold in 1904. It was first adopted by the Metropolitan Police in 1911, after having been in use with them for the previous five years. Legend has it that the famous Siege of Sidney Street inspired the Police to discard their revolvers and take to automatics, although revolvers continued in police service until the present day.

Throughout the existance of this pistol, it underwent several changes, none of them fundamental, and all intended to simplify manufacture or assist in use. The most obvious change concerns the safety, which on the first models was a catch on the left side of the external hammer. By pressing the catch down when the hammer was at half-cock, it was locked and the pistol could be carried without danger.

On the later versions, the catch was positioned on the left of the frame above the grip, where it could be worked with the right thumb. This later safety also locked the breech slide.

Barrel length was 3½ inches, the magazine held eight rounds and it was chambered for ·32, 7·65 and ·38, all rimless cartridges. A feature of all these small Webley automatic pistols was that the spring-steel trigger guard was used to lock the barrel to the body by means of two lugs on the front leg of the guard.

## ·25 EXTERNAL HAMMER MODEL, 1906

This was very much a scale-down ·32 automatic, in fact one is tempted to describe it as a cut-down ·32, so much does it outwardly resemble the larger pistol. The market for these small calibre pistols was very crowded, and immensely competitive, so that it was imparitive to keep costs down to a minimum.

The mechanism is the simplest possible, with the main spring contained within the slide, and the operation being by simple blow-back. The magazine held six rounds, and a grup safety was fitted just below the trigger guard.

This tiny pistol was remarkably ugly, being only 4¾ inches long and 3 inches deep. The barrel was 2 inch. It is difficult to hold in a large hand, and obviously sights would be of no value at all, though some specimens had a miniscule foresight on the front of the slide. The company's records show that this pistol remained in production until 1940.



***Webley ·32 1906. Late model with frame mounted safety.***



***Webley 7·65mm 1906. First model.***



***Webley ·25 Hammerless 1909.***



***Webley 9mm. model 1909. First version with manual safety.***

# FIREARMS

### ·25 HAMMERLESS MODEL 1909

The hammerless model was a refinement of the 1906 model, and was one ounce lighter, making it the smallest Webley handgun ever made. Its external dimensions were unaltered from the hammer model, and the construction used as many similar parts as possible.

In fact it is scarcely hammerless at all, since the hammer was simply put inside the body, and operated in the same way as with the other weapon. Rather surprisingly in view of the cut-throat competition in the very small pistol market at the time, Harrington and Richardson in the United States produced the design under their own name, and with very minor differences.

### 9mm MODEL 1909

This pistol was designed in response to a specification laid down by European customers who did not require the large ·455 cartridge in the 1906 experimental models. The change to 9mm brought about other alterations to the mechanism, and the barrel was located by a lug machined from the top of the trigger guard, not unlike the system used in the ·25 pistols. A grip safety was fitted into the heel of the butt, which worked by pushing the sear forward when it was squeezed.

At all other times, the sear could not engage with the trigger. The grip safety, and the hammer, were contained in a supplimentary frame hinged to the main frame, and so permitting the movement of the sear. It was ingenious, but expensive to machine.

The barrel was 5 inches long, and the magazine held eight Browning Long cartridges. There was a holding-open device when the magazine was empty.

Although this pistol did not gain a European contract, it was adopted by the South African Police in 1920, and it remained in production until 1930.

### ·38 HIGH VELOCITY HAMMERLESS MODELS 1910 & 1913

These two ·38 automatics were not a commercial success, but are included because they represent a step in the Webley design progression. They were intended for military use in Britain and abroad, and the calibre was chosen in difference to a specification which called for a lighter cartridge then the ·455 round. The 1910 model can be described as a smaller version of the ·455 automatic, having a five inch barrel, an eight round magainze and a lower overall weight.

The ammunition it was designed to take was the ·38 Colt A.C.P., which identically was used in the ·38 Webley-Fosbery, which was in production at the same time.

The mechanism was exactly the same in design as for the ·455 model and the only obvious external difference is in the fact that the ·38 had a concealed hammer.

The 1913 model was very similar, and both models were fitted with long wooden grips running from the slide down to the bottom of the butt. On a few pistols, these grips are chequered, but the majority are smooth.

### ·455 PISTOL, SELF-LOADING MARK 1, 1912

Steady progress in designing has resulted in a satisfactory large calibre automatic pistol by 1906. This way a heavy and substantial weapon, generously proportioned in all directions, and weighing forty ounces. In 1909, it was being described as the Navy Model, although the Royal Navy did not officially adopt it until May 1913, and it was issued on a wide scale to Naval and Royal Marine units throughout the First World War.

The operation was by recoil, the barrel being locked to the slide by a lug on the barrel engaging with a recess in the top of the slide, the barrel being forced upwards by two cam-ways. Unlocking was accomplished by a reversal of this process assisted by a spring.

A grip safety was fitted, similar in its action to that on the 9mm model of 1909, and the hammer was external. The long butt held a 7-shot magazine, and was covered by wooden grips checkered all over.

The foresight was a substantial blade brazed to the muzzle, and the backsight was slotted on the rear of the slide. A round lanyard ring was fitted to the heel of the butt.

The whole effect is of a solid, dependable and rugged weapon of considerable strength. It is all the more surprising therefore, to hear the complaints of the users that it jammed easily when dirty.

**TO BE CONTINUED**



***Webley 9mm. (BI) 1909 with grip safety.***



***Webley & Scott ·38 high velocity Hammerless model 1910.***



***Webley No. 1 Mk. 1 1913.***



***Webley & Scott ·455 Mk. 1 No. 2.***

# Middle Sea Insurance

## SERVICE & SECURITY

*Middle Sea Insurance – Malta's first insurance company – is now offering a full and competitive service that covers most classes of insurance, including special policies for home owners and shopkeepers.*

*Entrust the things you value to the people you can trust, a Maltese company specialising in absolute security with efficient service.*

*Rely on its international experience.*

MIDDLE SEA INSURANCE CO. LTD. – MALTA –



*Middle Sea House, Floriana*

**Middle Sea Insurance** Tel: 626262



## Universal Plastics Ltd (Inc. Vinylace Ltd)

**Plastic disposable cups, Containers, Trays and custom articles. Plastic disposable cutlery, Display ideas, Protective covers and all catering disposable plastic goods.**

**Low/High Density Polythene, Plain/Printed Blown Tubular film. Refuse bin liners, Shopping bags, Laundry film, UNIPAK Garment covers. UNIPAK Food bags, UNIFREEZE Freezer bags, Exercise Book covers, Shrink film, Builders' rolls, UNIBUILD Damp-Proof Course Membrane conforming to the requirements of BS 743.**

**Agents for:**
**CIBRA Bag Sealers & Shrink Wrapping Machines/Tunnels.**

**Universal Plastics Ltd.**
**San Gwann Industrial Estate**
**Birkirkara**
**Tel: 330351/491860**
**Telex: 1265 FARADY MW**

**Vinylace Ltd**
**Factory 43**
**Marsa Industrial Estate**
**Marsa**
**Tel: 620436/220435**
**Telex: 1265 FARADY MW**

VOGUE LABELS LTD. HAVE MANUFACTURED LABELS SINCE 1969

**do vogue labels just sell labels ?**




*THEY ALSO SUPPLY:*

- PRINTED STICKERS
- PRINTED T-SHIRTS
- PRINTED PLASTIC SIGNS
- PRINTED WELDED PLASTIC ARTICLES
- PRINTED ADVERTISING GIFTS
- PRINTED CERAMIC ARTICLES

*SO WHEN YOU THINK OF VOGUE LABELS DON'T JUST THINK OF LABELS !*

**vogue labels ltd.**

*314, MDINA ROAD, QORMI. - TEL: 498878 487150*

*P.S. We have just included Computer Labels to our range.*

MOTO GUZZI



**THE MOTOR BIKE FOR TRAFFIC POLICE**

enquiries: MEXICO GARAGE

FOR PARTS & SERVICE

MEXICO BUILDINGS,
ZIMELLI STREET,
MARSA-MALTA,
TEL: 627111 - 221888
TELEX: MW 1636 PALMEX

# BORMLA FIL-FESTA

**• BIL-FESTA tal-Kunċizzjoni f'Bormla, li ssir fil-bidu ta' Diċembru, jagħlaq l-istaġun tal-festi Maltin.**

Minħabba li f'dak iż-żmien ix-xitwa tkun daħlet ġmielha, il-Bormliżi dejjem qalbhom ittaqtaq! X'ser jagħmel għall-festa, bnazzi jew maltemp?

Ħafna jieħdu r-ruħ jekk toħroġ Santa Katerina taż-Żejtun, għax isostnu l-għidut li ġej mill-antik: "Jekk toħroġ is-seftura, toħroġ is-sinjura". Iżda jekk stess jagħmel maltemp u l-folol li jmorru Bormla ma jgawdux l-allegrija tal-baned u l-kuluri tal-bandieri u l-pavaljuni li jżejnu t-toroq, jekk jidħlu fil-Knisja għandhom garanzija ta' ġmiel artistiku li mhux għalkemm issibu fi knejjes oħra. Nistgħu ngħidu li das-Santwarju hu mużew ta' arti Maltija. Ix-xjuħ Bormliżi bħal ħasbu f'dawk li jżuruhom meta jkun maltemp.

### Fratellanzi tal-ħaddiema

Waqt li tkun iddur il-Knisja ma tistax ma tosservax il-kontribut dirett jew indirett, li taw il-ħaddiema komuni u umli ta' din il-belt, fl-akkumulazzjoni ta' dawn l-opri artistiċi. Bħalissa, m'għandix f'rasi biss il-kontribut kbir tal-ħaddiem it-tarzna, Abram Gatt, li f'din il-knisja, il-ġenju tiegħu jidher kull fejn tħares.

Il-qagħda ta' Bormla f'xatt il-baħar, viċin l-irmiġġ tax-xwieni ta' l-Ordni ta' San Ġwann, ġibdet nies ta' ċerti snajja, bħal qlafat, barklori, sajjieda, ħajjata, kurdara u oħrajn biex ifittxu l-għixien tagħhom f'dawn l-inħawi.

Ta' nies reliġjużi li kienu, il-knisja kellha parti mportanti f'ħajjithom. Kienu jissieħbu flimkien, skond is-sengħa tagħhom, permezz tal-Fratellanzi. Waħda għal kull sengħa. Din kien ikollha l-qaddis patrun tagħha, b'artal iddedikat lilu. L-ispejjeż ta' l-artal u tal-festa tiegħu kienu jidħlu għalihom il-fratelli.

L-artal ta' San Dimitri, protettur tal-Qlafat kien wieħed mill-ewlenin.



Il-Barklori ħasbu għall-artal ta' San Kristofru, u miegħu għát-tila ta' Franġisku Zahra.

L-artal ta' San Mikiel kien taħt il-ħarsien tal-Bejjiegħa tas-Suq, u allura dawn kienu strumentali biex it-tempju ġie mogħni bi ġmiel ta' statwa ta' dan il-qaddis, skolpita fl-injam minn Marjanu Gerada fl-1819.

Il-Kurdara taw sehemhom fil-kwadru ta' Santa Katerina ta' l-istess Zahra u forsi wkoll fiż-żewġ kwadri laterali ta' Rokku Buhagiar.

Mill-Konfraternità ta' San Ġużepp, iffurmata mill-Mastrudaxxi, ħarġet waħda mill-isbaħ statwi ta' dan il-qaddis f'dawn il-gżejjer, xogħol fl-injam ta' Abram Gatt.

Is-sajjieda żejnu l-artal ta' Sant'Andrija bit-tila tal-Pereira Portughese.

Il-Ħajjata kellhom sehem fl-istatwa ta' Sant'Agata, xogħol ieħor fl-injam ta' Pietru Pawl Azzopardi esegwit fl-1846, li tmintax-il sena qabel kien naqqax il-Madonna tar-Rużarju, li tinsab f'niċċa fil-kappellun xellugi.

***kitba ta'***
***ANTON ATTARD***

### Artisti Maltin

Bosta huma l-artisti Maltin li żejnu dan it-tempju bix-xogħol sabieħ tagħhom.

Marjanu Gerada, l-imgħallem ta' l-iskulturi Maltin ta' dik l-epoka, għandu xogħol notevoli. Barra l-istatwa artistika ta' San Mikiel, għandu l-Magħmudija ta' Kristu fuq il-Fonti u l-Kandlieri u l-Appostli tal-artal maġġur.

Abram Gatt, fost xogħlijiet oħra, ikkontribwixxa l-parti l-kbira tad-disinn tal-ventartali tal-fidda, id-disinn tal-faċċata tal-Kor u s-saqaf tal-knisja, l-istatwa artistika ta' San Ġużepp u t-trasformazzjoni ta' l-istatwa tal-Kunċizzjoni.

Francesco Zahra, fost l-aqwa, jekk mhux l-aqwa pittur Malti, għandu xogħol abbundanti. Barra dak li diġà semmejna qabel, hemm attribwiti lilu l-Istazzjonijiet tal-Via Sagra fl-Oratorju tal-Kurċifiss, il-kwadru titulari ta' l-istess oratorju u l-kwadri laterali tal-Kor.

Pietru Pawl Caruana, li fil-kwadru titulari ppreżenta lill-Madonna liebsa l-abjad u faxxa kaħla ma qaddha, li għal dak iż-żmien kienet ħaġa ġdida, kellu jistenna d-dehriet ta' Lourdes biex jieħu r-raġun tax-xogħol sabieħ tiegħu.

Rokku Buhagiar, barra x-xogħol l-ieħor li semmejna aktar 'il fuq, wera l-ħila tiegħu b'San Mark, il-Lunzjata u San Ġużepp.

Ġużeppi Cali ħallielna l-erba' profeti fil-pennakki taħt il-koppla u l-pittura fis-saqaf tal-kurśija.

Ma' dawn għandhom xogħol ukoll Fra G.N. Buhagiar, Rafel Bonnici Cali u Pawlu Camilleri Cauchi.

•Ikompli f'paġna 13

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

**• KIF AĦNA ĦBIEB? NISPERA LI KULL WIEĦED MINNKOM HUWA B'SAĦĦTU, U B'HEKK INKOMPLU GĦADDEJJIN BIL-PROGRAMM TAGĦNA TA' EŻERĊIZZI FIŻIĊI.**

*MILL-ISPETTUR RAYMOND G. ZAMMIT*

Ħbieb, wara li ppruvajtu dak li għaddejnilkom fil-ħarġiet ta' qabel dawn, sejjer ngħaddilkom iżjed eżerċizzi ġodda, però qabel xejn nixtieq li niċċaraw ċertu problemi, problemi li kultant jiġu tort tagħna jew għal ħaġa jew għal oħra.

Nibda biex ngħid, u dan diġà għedtu mill-bidu ta' dawn is-sensiliet, li ndividwu li qiegħed jittrenja jew se jibda jittrenja, għandu qabel xejn jagħmel dik id-daqsxejn ta' vista għand it-tabib, biex b'hekk jassigura li m'għandux problemi dwar saħħtu u jista' jibqa' sejjer bil-ħsieb li għandu. Dan qiegħed ngħidu, u b'dispjaċir kbir, li meta qiegħed niltaqa' ma' xi membri fil-Korp, li jkunu sejrin jibdew 'jiċċaqqilqu', dawn jibdew jilmentaw minn xi wġiegħ u li x'aktarx ikunu ilhom jissaportu. Ir-raġuni ta' dan huwa li wieħed ma jkunx baqa' jagħmel, jew aħjar, jieħu l-kura meħtieġa sa l-aħħar.

Dawn l-istess nies igħidulek li darba kienu kisru riġlejhom jew xi parti oħra minn ġisimhom u għal xi raġuni jew oħra traskuraw xi ftit. Għalkemm tajjeb wieħed jgħid li dawn ma humiex affarijiet serji u ma huma sejrin itellfu xejn milli wieħed jaqdi d-doveri tiegħu tajjeb; biss żgur li wieħed li jħobb li jkun pulizija tajjeb u enerġiku, nerġa' ngħid, li żgur jiddispjaċih li ma jkunx jista' jagħmel dan.

Mela għal darb'oħra ħbieb, wieħed m'għandux għalfejn jiddejjaq, biss wieħed għandu joqgħod fuq pariri tajbin u nimxu żgur.

Mela niġu għall-ewwel eżerċizzju li sejjer ngħaddilkom għal din id-darba. Dan jissejjaħ **'SISSY SQUATS'** u li jagħmel tajjeb ħafna għal kuxtejn u għal pxiexel. Kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li joqgħod dritt fuq ponot subgħajh.

2) Kun ċert li ġismek mill-qadt 'il fuq qiegħed ftit lura, waqt li mill-qadt 'l isfel ikun ftit 'il quddiem.

3) Żomm saqajk bejn wieħed u ieħor xi 20cm/30cm 'il bogħod minn xulxin, bl-idejn fuq 'il qadt biex igħinuk iżżomm il-bilanċ.

4) Bil-mod ħafna ibda nieżel fuq ponot subgħajk mingħajr ma tintlewa lura jew 'il quddiem tul l-eżerċizzju kollu.

5) Erġa' itla' bil-mod ħafna, ieqaf, inżel ftit, itla' b'ritmu mejjet ħafna sakemm tagħmel (18) il-darba tiela' u nieżel. Minn dawn tridu tipprovaw (3) sets ta' 18 reps kull darba. Niftehmu, ibdew bil-mod u dejjem żidu. Biex ngħinkom ħarsu lejn Fig. II.



II

It-tieni eżerċizzju huwa dak li nsejħulu **'SIDE BENDS'**.

Dan it-tip ta' eżerċizzju jgħinna biex issaħħaħ il-muskoli mill-qadt 'il fuq. Huwa faċli u jsir billi:

1) Wieħed joqgħod bil-wieqfa – Saqajh 'il bogħod bejn wieħed u ieħor xi 40cm. Żomm dahrek stirat u miġbud tajjeb lura, għollu l-id tal-kuntrarju li tkunu sejrin tibbendjaw, għal taħt l-ispalla, u bil-mod ibdew intlewew mingħajr ma tmorru lura jew 'il quddiem. Aslu sakemm tistgħu. Minn dawn wieħed għandu jipprova (3) sets ta' 50 kull darba (reps).



JJ

Biex ngħinkom ħarsu lejn Fig. JJ.

It-tielet eżerċizzju huwa dak li jissejjaħ **DOORWAY PULLS.**

Dan l-eżerċizzju jgħin biex wieħed issaħħaħ tajjeb il-muskoli tad-dahar. Kull ma wieħed għandu bżonn din id-darba, huwa bieb li fih pum b'saħħtu u mwaħħal tajjeb jew xi ħaġa simili. Ma ninsewx dawn huma kollha eżerċizzi li wieħed jista' faċilment jagħmilhom id-dar. Kull ma wieħed għandu bżonn li jagħmel huwa:

1) Aqbad b'idejk it-tnejn pum ta' bieb li jkun marbut sewwa.

2) Ipprova intefa', jew aħjar, inġibed lura bil-mod biex b'hekk tistreċċja l-muskoli tad-dahar.

3) Ilwi rkoptejk, żomm idejk u dahrek stirati u bil-mod inġibed sakemm tħoss ftit tensjoni (ġbid) fil-muskoli tad-dahar. F'kelma waħda, dan l-eżerċizzju jgħin ħafna biex takkwistaw forma tad-dahar sabiħa. Minn dawn

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

ipprovaw (2) sets ta' (6) reps kull darba.

Ħarsu ftit lejn Fig. KK.

Eżerċizzju ieħor tajjeb ħafna u li huwa l-favorit ta' ħafna



KK

sportivi, huwa dak li jissejjaħ 'SEATED ALTERNATE LEG KICK'.

Dan igħina ħafna biex insaħħu kemm is-saqajn, kemm l-abdominals u anke d-dieta. Kull ma wieħed għandu bżonn għal dan l-eżerċizzju huwa siġġu wieħed u li jrid ikun b'saħħtu.

Għoqod bilqegħda, bil-warrani jserrah kważi mat-tarf tas-siġġu.

2) Żomm b'dirgħajk waħda kull naħa mas-siġġu u meta tħossok komdu pprova tella' saqajk waħda wara l-oħra 'l fuq kemm tista'. Wara erġgħu ppruvaw niżluha bil-mod u pprovaw bl-oħra. Tajjeb li meta s-sieq li tkun 'il fuq, il-pala ta' l-istess sieq tistirawha 'l quddiem kemm tistgħu biex b'hekk issaħħu l-pexxul tajjeb ukoll. Minn dawn wieħed għandu jipprova (2) sets ta' (15) reps kull darba. Ħarsu lejn Fig. LL.

Niġu għal ħames u l-aħħar



LL

eżerċizzju għal din il-ħarġa. Dan insejħulu 'TRICEP EXTENSION.

Dan l-eżerċizzju, għalkemm jixbaħ ħafna lill-oħrajn, ma huwiex bħalhom.

Kull ma wieħed għandu bżonn li jagħmel huwa:

1) Imteddu ma' l-art kif muri Fig. MM, cioe serħu fuq idejkom bil-pali ta' l-idejn iħarsu lejn xulxin u xi 6cm. imbegħdin.

2) Wara inżlu u itilgħu qiskom qegħdin tagħmlu push up regulari, basta bil-mod kemm jista' jkun.

3) Erġgħu morru għal pożizzjoni li kontu qabel, u rrepetu dan (3) sets għal (6) reps kull darba.

Għal din l-edizzjoni naħseb li għandkom biżżejjed x'tippruvaw, basta ma twarrbux l-eżerċizzji l-oħra diġà mgħoddija lilkom. Ħbieb, ippruvaw tajjeb u jekk jista' jkun għamlu ħilitkom u għadduhom lill-ħbieb tagħkom wkoll. Sakemm niltaqgħu darb'oħra nkunu għaddejna l-Festi tal-Milied. Għalhekk f'din il-ħarġa nieħu l-opportunità biex nixtieq il-Festi t-Tajba lilkom, u lil qrabatkom. Saħħa ħbieb.



MM

# BORMLA FIL-FESTA

•Ikompli minn paġna 11

Ta' min isemmi wkoll lill-iskultur Franġisku Fabri, mill-Birgu, li wera sengħetu fl-iskultura tat-twieqi u l-ġebel fil-kappelluni.

Il-ħila ta' Wiġi Zammit, mastrudaxxa prim, tidher fis-sedji tal-kor, l-arkati tal-kappelluni u l-konfessinarji.

**L-Istatwa tal-Kunċizzjoni**

Għalkemm fil-Knisja hemm tant opri artistiċi, l-aktar li tiġbed attenzjoni hi l-istatwa devota tal-Kunċizzjoni. L-oriġini tagħha tinstab f'rakkont li għadda minn ġenerazzjoni għall-oħra, li għalkemm jista' jkollu xi ħjiel ta' verità, jista' jkun ukoll leġġenda.

Fi Sqallija, tifla mqarqċa, tant ġibdet l-għadab t'ommha, li xtaqetilha li jġorruha x-xjaten.

Fix-xatt ta' Bormla, minn fuq xini li kien sorġut hemm, matul il-lejl instema' biki ta' tarbija ġej min-naħa ta' ġnejna fuq għolja fil-qrib.

Meta l-kaptan u żewġ baħrin marru jinvestigaw, raw dehra li tkexkex. Xitan kien qed isawwat tifla żgħira b'zokk li kellu f'idu.

Niżlu għarkubtejhom jitolbu l-Madonna teħles lil dik it-tifla. Baqgħu mistgħaġba meta minn siġra ħareġ dawl qawwi u dehret mara liebsa l-abjad, li b'ħatar f'idejha, keċċiet lix-xitan u ħelset lit-tifla.

Aktar tard, il-kaptan sab li dik it-tifla kienet bintu, li sfat vittma tas-saħta ta' martu.

Dan il-lok ġibed devozzjoni kbira u nbniet kappella ddedikata lill-Immakulata tas-Sokkors. Maż-żmien, inħasset il-ħtieġa li din tinbidel ma' knisja akbar. Iżda meta fl-aħħar tas-Seklu Sbatax ġew biex ikabbru, kien jinħtieġ li titqaċċat is-siġra li dehret fiha l-Madonna.

Il-poplu kien kuntrarju għal dan, għax kellu devozzjoni kbira lejha u kien hemm nuqqas ta' qbil. Il-kappillan ta' dak iż-żmien ġieh ħsieb li bih ikkuntenta lil kulħadd. Ippropona li titqaċċat is-siġra tal-ħarrub, u minnha titnaqqax statwa ġdida tal-Kunċizzjoni.

Din aktarx tnaqqxet mis-soru Dedomenico, allieva tal-Preti, f'sura differenti ħafna minn dik tal-lum. Fl-1904 ġiet trasformata kompletament minn Abram Gatt li ddisinjalha wkoll wieħed mill-isbaħ pedestalli f'dawn il-Gżejjer, wara li ġiet miksija bil-fidda f'Milan.

Hekk ħadet is-sura li naraw illum iżżejjen it-toroq ta' Bormla f'jum il-festa, u li għamlitha waħda mill-aktar statwi devoti fil-Gżejjer Maltin.

# DEFAMATORY LIBEL AND THE PLEA OF "FAIR COMMENT"

By

*The Hon. Mr. Justice JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D.,*

*Part 3*

The plea of "fair comment" was also extensively reviewed in a more recent judgement in re: **"Il-Pulizija vs. Av. Dr. U.E. Mifsud Bonnici et"** decided by the Courts of Judicial Police and later confirmed in appeal. (5) In this case reference was made to **Il-Pulizija vs. Michael Falzon et** decided by the Court of Criminal Appeal on the 1st December 1977, as well as two other foreign judgements namely, **Lefney vs. Burside** 4 L.R. Tr. p. 556 and **O'Brien vs Marquis** of Salisbury (1889) 6 T.L.R., 133-7. In a nutshell, these judgements held that when a matter of fact is to be excused and sought to be excused, it must be a reasonable inference from the fact alleged, and upon which it is a comment. Otherwise, as held in re: **Il-Pulizija vs. John Scerri** (vide Koll. Vol. XXXII-IV-p. 1064):

"Jekk il-kumment jitbiegħed mill-fatt kummentat, u jimplika asserzjoni ta' fatt ġdid, allura dan il-fatt ġdid għandu jiġi kopert bil-prova tal-verità għaliex ma jibqax kumment".

According to the celebrated Odgers (6) if a writer sets out the facts correctly, and then gives his inference, stating it as his inference from those facts, such inference will, as a rule, be deemed a comment. But even in this case the writer must be careful to state the inference as an inference, and not to assert it as new and independent fact. "Otherwise, – says Odgers – his inference will become something worse than a comment, and he may be driven to justify it as an allegation of fact". Moreover, where a defendant is required to give particulars of the facts on which the comment was made, the facts must be in existence at the time of the comment. Facts relating to matters taking place **after** the publication cannot be pleaded. This last rule is also not laid down in the Act but it has evolved through case law (7). In re: **Il-Pulizija vs. J. Micallef Stafrace** (vide Koll. Vol. XLIII-IV-880) the Appeal Court synthethized the various teams used in connection with what should amount to a fair comment as being "reasonable", "moderate", "temperate" or "just".

Bowen L.J. stated (8) that, "In this country a man has a right to hold any opinion he pleases and to express his opinion; provided that he does not go beyond the limits which the law calls Fair". It is necessary that the criticism be not a "mere abuse or invective under the guise of criticism" (9). In re: Watson vs. Walter, L.R. 4, Q.B. p. 96, it was held that "... in the first place the jury must be satisfied that the comments had been made with an honest belief in their justice. But that this was not enough, in as much as such belief must originate in the blindness of party zeal, or in personal or political aversion; that a person taking upon himself publicly to criticise and to condemn the conduct or motives of another, must bring to the task not only an honest sense of justice, but also a reasonable degree of judgement and moderation, so that the result may be ... a fair and legitimate criticism on the conduct and motives of the party who is the object of censure".

The majority of libel cases in Malta are the result of newspaper publications, especially the ones containing articles of a political nature. Is there any special privilege enjoyed by the Press? Our Courts held (10) that the Press enjoys no special privilage, but that enjoyed by the ordinary citizen. Relying once again on English case-law (11) it has been held that a newspaper has the right, and no greater or higher right, to comment upon a public officer or person occupying a public situation, than an ordinary citizen would have. "To whatever lenght the subject in general may go, so also may the journalist; but apart from statutory law, his privilege is no other and no higher ... the range of his assertions, his criticisms, or his comments, is as wide as, and no wider than, that of every other subject. No privilege attaches to his position" (12). In another judgement (13), the Privy Council defined the liberty of the Press as no more than the liberty of any member of the public to criticise freely, but temperately and fairly. As far back as our old Press Ordinance (No. XIV) of 1889, we read in Article I that, "La publicasione di scritti stampati è libera. Questa Ordinanza ne reprime gli abusi".

**(TO BE CONTINUED)**

**SOURCES OF REFERENCE:**

6. *Odgers, Livel and Slander, pp. 166-7.*
7. *vide Cohen v. Daily Telegraph (1968) W.L.R., 916 C.A.*
8. *vide Merivale v. Carson, 20 Q.B.D., pp. 283-4.*
9. *vide Turner v. M.G.M. Ltd. (1950), 1 All E.R. 449, p. 461.*
10. *vide Il-Pulizija vs. J. Micallef Stafrace, C.A. 8.1.59, per Harding J.*
11. *vide Langsland v. Long, 1916 S.C. (H.1.) p. 110, per Lord Shaw.*
12. *vide Arnold v. King Emperor (1914) 83 L.J., P.C. p. 300 per Lord Shaw.*
13. *vide Ambard v. The Attorney-General of Trinidad, P.C. 2.3.1936.*

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone

**Mediterranean Technical Services Limited**

1 VALLEY MANSIONS. VALLEY ROAD.
BIRKIRKARA MALTA TELEX: MW 1542



**SERVICING ENGINEERS:**

Airconditioning and Refrigeration Plants * Plumbing Systems * Diesel and Petrol Engines * Boiler Plants * Electrical/Mechanical Plant and Installations * Hydraulics * Culligan Water Treatment Plants, including Reverse Osmosis * Colerex Heat Pumps * Electric Winding.

**DESIGN & ADVISORY SERVICES:**

* Airconditioning and Refrigeration Systems * Telecommunication Systems * Production Engineering * Electrical Lighting and Power Installations * Mechanical Plant and Installations, such as Boiler Plant Rooms, Compressed Air and Vacuum Systems * Environment Engineering including Acoustical Treatment and Sound Insulation Water Treatment, including Reverse Osmosis *Technical Surveys for insurance claims.

**MEDITERRANEAN TECHNICAL SERVICES LIMITED ALSO CARRIES OUT EXTENSIVE ELECTRICAL TESTS ON INDUSTRIAL INSTALLATIONS. THIS IS A SPECIALISED SERVICE PROVIDED BY PROFESSIONALLY QUALIFIED PERSONNEL.**

**TELEPHONE: 442773 AND 491883**

**Marsovin**

*A Tradition of Quality*

# Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

# INTERVISTA MAL-KUNTISTABBLI Nru. 480 LAWRENCE BONAVIA

**• Nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru, 1987, l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti għal darb'oħra kompliet bl-intervisti tagħha mal-pensjonanti tal-Korp tal-Pulizija u din id-darba l-President tal-Għaqda, Lorry Muscat, akkumpanjat mis-Segretarju Finanzjarju Vincent Zahra, marru fir-residenza tal-ex-Kuntistabbli Nru. 480 Lawrence Bonavia fid-dar tiegħu Nru. 7, Triq San Ġorġ, Bormla, li tul is-servizz tiegħu fil-Korp baqa' stazzjonat fid-Distrett tal-Water Police. Bħas-soltu, il-Viċi-President Joe M. Borg ħa ħsieb jaddatta l-kitba ta' din l-intervista.**

Fl-età venerabbli ta' 87 sena, is-Sur Lawrence Bonavia f'dawn l-aħħar sitt xhur naqsitu ferm il-memorja kif ukoll is-saħħa fiżika, u allura ma joħroġx barra mid-dar.

Wenzu, kif kienu jsibuh sħabu, kien iħobb jirrakkonta dwar dak li għadda minnu matul is-27 sena servizz li huwa għamel fil-Korp tal-Pulizija, iżda anke issa, minkejja li kultant ma jiftakar xejn, bl-għajnuna tal-familjari tiegħu u tal-kollega tiegħu, Lorry Muscat, li serva għal bosta snin miegħu, għamel sforz biex ta dan it-tagħrif, u għall-mistoqsija li saritlu, l-ex P.C. Bonavia wieġeb hekk:-

"Jiena dħalt bħala Pulizija fl-1928 u rtirajt fl-1955. Iż-żmien kollu li għamilt fis-servizz qattajtu l-Water Police District. Issa ilni barra 32 sena."

*Domanda: "Min kien Kummissarju tal-Pulizija meta dħalt inti?"*

Tweġiba: "Kien is-Sur Salvu Galea".

*Domanda: "Fejn kien id-Depot tal-Pulizija dik il-ħabta tal-1928?"*

Tweġiba: "Il-Headquarters tal-Pulizija kien fi Triq Merkanti, isfel ħdejn il-Camerata, il-Belt Valletta".

Mistoqsi jgħid kif kien isir l-ingaġġ u x'kors kienu jagħmlu, Bonavia ddispjaċih li ma setax jiftakar, biss qal li wara ftit li daħal fil-Korp ġie stazzjonat mal-Water Police, fejn dam sa ma rtira.

Huwa żied igħid li l-parti l-kbira tas-servizz f'dak id-Distrett għaddiha fuq il-baħar fil-kajjik tal-Pulizija.

*Domanda: "Waqt li kont isservi bħala Pulizija, kellek xi inċident?"*

Tweġiba: "Niftakar darba kont rikeb bicycle "on patrol" ix-Xatt tal-Marina, u kif kont viċin il-Power Station il-Qadima, tajjarni truck; ħaduni li Sptar Ċentrali, il-Furjana, għax kont weġġgħajt spallti".

*Domanda: "Dwar is-servizz, x'tgħidilna?"*

Tweġiba: "Jien ngħid għalija, min kien jonqos kien irid iħallas".

*Domanda: "Fi żmienek il-baħrin tan-Navy Ingliża ta' bil-fors kienu jiffrekwentaw il-Water*



LAWRENCE BONAVIA

*District. X'tirrakkontalna fuq dan?"*

Tweġiba: "Fil-5 p.m. kienu jibdew neżlin il-baħrin minn fuq il-bastimenti tagħhom "on shore leave", u kienu jidħlu l-Belt; mal-11 p.m., dawn jibdew jirritornaw lura wara li jibdew jagħlqu l-ħwienet tax-xorb u tal-"bar-maids". Bosta minn dawn il-baħrin kienu jkunu fis-sakra. Il-moll tad-Dwana u l-moll tan-Niżla tal-Kurċifiss kienu jkunu mimlija bil-baħrin. Jien kelli fid-demm u ma kontx niflaħ nissaporti nara l-balklori bid-dgħajjes tagħhom "tal-pass" imorru jgħabbu l-baħrin min-naħa tal-moll l-għoli, ta' taħt iċ-ċint, in-naħa tan-niżla tal-Kurċifiss. Dawn il-barklori kienu jisirqu l-vjeġġ billi ma kienux joqogħdu wara min imisshom sorġuti bid-dgħajjes ħdejn id-Dwana, minn fejn suppost jgħabbu. Barra minn dan, il-baħrin kienu jissugraw li jweġġgħu jew jaqgħu l-baħar meta jiġu biex jaqbżu għal fuq id-dgħajsa minn fuq il-parti għolja tal-moll."

*Domanda: "Kemm kienet il-paga fil-bidu tal-karriera tiegħek fis-sena 1928?"*

Tweġiba: "Il-paga kienet żgħira; xi ħaġa mat-tmintax ir-rbiegħi (ħamsa-u-għoxrin ċenteżmu tal-lum) kuljum".

*Domanda: "Tiftakar xi ħaġa oħra?"*

Tweġiba: "Jiena sirt ninsa ħafna, biss issa l-familjari tiegħi qed iġibuni 'in se' li darba, qabel il-Gwerra l-oħra, waqt li kont bil-kajjik tal-Water Police in-naħa tar-Ricasoli, tellajt wieħed raġel li kien għoddu sejjer jegħreq meta l-fregatina li kien fuqha ma'

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

*APPREZZAMENT*

# EMMANUELE ZAMMIT Ex-Pc 644



Il-Kuntistabbli Emmanuele Zammit daħal fl-Għaqda fis-sena 1982.

Pc Zammit daħal fil-Korp tal-Pulizija bħala Riservista fl-14 ta' Mejju 1941, bin-numru 701. Huwa ġie konfermat bħala Kuntistabbli Regulari fl-10 ta' Diċembru 1948, bin-numru 644.

Huwa ġie stazzjonat 'L' Division (Sliema).

Fl-10 ta' Diċembru 1951 ġie konfermat 2nd Class Pc u ġie stazzjonat is-C.I.D. Ġie konfermat 1st Class Pc fl-10 ta' Diċembru 1954 u baqa' fis-C.I.D.

Wara ftit taż-żmien ġie trasferit fil-'B' Division (Ħamrun) fejn baqa' sal-5 ta' Ġunju 1966, minn fejn irtira mis-servizz bil-pensjoni.

Filwaqt li nitolbu lill-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem, il-President, l-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill flimkien ma' dawk il-membri ta' l-Għaqda, jagħtu l-kondoljanzi lill-familjari tiegħu u jwegħduhom li jibqgħu jiftakru fih fit-talb tagħhom.

**Lill-President tal-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti,**
**ex-P.S. Lorry Muscat.**

## "AD MULTOS ANNOS"

**Il-President tal-Għaqda tagħna**
**Raġel twil u daqsxejn smajjar**
**Ħeġġa u ħila dana kellu**
**Biex din l-Għaqda huwa jsawwar.**

**Il-lum aħna nifirħulu**
**Għaliex dana lilu seħħ;**
**U aħna l-membri tagħha**
**Nuru ferm rispett lejh.**

**Mela, Ħbieb ingħaqdu miegħi**
**Sabiex lilu nifirħulu**
**F'dil-ġurnata tant sabieħa**
**"Happy Birthday" nixtiequlu.**

**Il-lum, 22 ta' Novembru, 1987** **ex-P.C. J.M. Monreal.**

# LAWRENCE BONAVIA

tnejn oħra nqalbet; dawk it-tnejn kienu għerqu".

Is-Sur Wenzu Bonavia qal li kien hemm żmien meta ċertu Maġġur tal-Kottonera, li ma jiftakarx x'jismu, għamel żmien iħajjru jiġi lejn Bormla, iżda huwa dejjem ippreferа li jkompli fil-Water District. Mistoqsi min kien is-Suprintendent dik il-ħabta, Wenzu Bonavia semma lis-Sur George Cachia, dak li kien laħaq Kummissarju tal-Pulizija.

Imbagħad Wenzu għadda biex irrakkonta inċident ieħor meta baħri qabad il-ħabbata tal-bronż tal-bieb ta' l-uffiċċju tad-Dwana u beda jħabbatha waħda f'waħda u għamel storbju sħiħ. "Meta rajtu b'dik il-ħabbata kbira, ordnajtlu biex minnufih jiskot u jibqa' sejjer fi triqtu, iżda dak il-baħri irrispondieni u qalli "get out of it"! Jien mort u qbadtu minn sidru u kaxkartu lejn l-Għassa u spiċċa fiċ-"Ċipp", temm igħid Wenzu.

Is-Sur Bonavia sostna li bosta kienu dawk il-baħrin li ta' spiss kienu jagħmlu xi praspura; min f'nofs tà' lejl ma jkunx irid iħallas lil barklor għal vjaġġ lura lejn il-bastiment; min għax ma jkollux flus jitlob biex jorqod fiċ-'Ċipp' għax ma jkunx irid imur abbord fis-sakra, u praspar oħrajn.

Mistoqsi x'kienu l-aktar id-doveri tiegħu fuq il-kajjik, is-Sur Bonavia wieġeb hekk: "Id-duty bil-kajjik kien jikkonsisti skond id-'detail' tal-Maġġur, fost oħrajn kont inżomm il-barklori bid-dgħajjes tagħhom joqogħdu wieħed wara l-ieħor, sa ma jkun imisshom jgħabbu, ma' l-iskala tal-vapuri tal-P. & O. u t-Taljan, u nevita l-glied u l-inkwiet."

*Domanda: "Wara li rtirajt mis-servizz, għamilt xi xogħol ieħor"?*

Tweġiba: "Iva, mort naħdem it-Tarzna fejn domt sitt snin ma' l-S.N.S.O. fli 'Stores' il-kbar taż-żebgħa, taħt il-post magħruf bħala "Fejn Sabu s-Sinjur", f'Xatt ir-Risq, il-Birgu."

*Domanda: "Ilek ma tiltaqa' ma' xi membru ieħor tal-Korp"?*

Tweġiba: "Ilni ħafna, ħlief li ilu ftit kont nara lill-ex-Surġent Ġanni Amaira, li joqgħod Bormla wkoll."

Fl-aħħar, is-Sur Bonavia ħa l-okkażjoni biex jurina Ċertifikat tar-Royal Life Saving Society, meta f'Settembru, 1937, wara li kien attenda kors, kiseb 'Intermediate Certificate' u Midalja tal-'Life Saving'. Huwa kien ukoll ħa d-'Defence Medal' u l-'War Medal', il-1939-45 Star' u l-'Africa Star', midalji tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Leħen
l-Għaqda
tal-Pulizija
Pensjonanti

# MEMORANDUM DISKUSS MAL-ONOR. MINISTRU TAL-FINANZI, DR. GEORGE BONELLO DUPUIS, FIL-31 TA' AWISSU 1987

## Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti



## ATTIVITAJIET REKREJATTIVI



**29 TA' NOVEMBRU 1987**
**"AFTERNOON HIGH TEA" fil-Golden Bay Hotel, għall-anzjani membri ta' l-Għaqda u l-familji tagħhom.**

**26 TA' DIĊEMBRU 1987**
**"XMAS DINNER DANCE" fin-Nigret Night Club, Rabat.**

**Il-"GET TOGETHER ANNWALI" li jiġi sponsorjat mill-Fondi tal-Pulizija, ġie approvat mill-Awtorità tal-Pulizija. id-data u l-lokal jitħabbru aktar tard.**

**Introduzzjoni**

Bħal ma taf is-Sinjurija tiegħek, l-Għaqda tagħna mihiex trejdunjonistika iżda filantropika; għalhekk ma kienx l-iskop tagħna li nressqu lmenti ta' natura purament trejdunjonistiċi. Żewġ miżuri iżda li kienu ġew implimentati xi ftit snin ilu laqtu fil-laħam il-ħaj lil diversi Pulizija Pensjonanti.

**SOTTOMISSJONIJIET**

Il-Kunsill imħeġġeġ minn dawn il-pensjonanti qed jissottometti dawn l-ilmenti għall-konsiderazzjoni tiegħek:-

**a) Il-każ tal-pulizija li rtiraw mis-servizz u għad ma għalqux il-55 sena li jekk isibu impjieg ikollhom il-pensjoni tagħhom imnaqqsa.**

Aħna jidhrilna li jekk membru tal-korp li rtira wara 25 sena jew aktar servizz u jkun iddedika parti minn ħajtu biex iservi fil-korp tal-Pulizija, wara servizz hekk twil għandu jgawdi l-pensjoni kollha anke jekk isib xogħol ieħor aktar ħafif u anqas ta' tbatija biex ikun jista' jgħix diċentement.

Is-Sinjurija tiegħek żgur tapprezza n-natura tax-xogħol ta' pulizija kemm huwa iebes u antipatiku li jibqa' anke wara li jirtira mill-korp għalkemm lis-soċjetà tkun qdejtha skrupolożament f'dak li hija stess tkun fdatlek f'idejk u biex tipproteġiha mid-delikwenza li tkun trabbiet ma dwarha.

Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tiegħek dwar risposta mogħtija fil-Parlament xi żmien ilu għal interpellanza mressqa mill-Onor. Dr Jimmy Farrugia, fejn il-pensjonanti milquta minn din il-miżura kienu biss 41. Illum li grupp minnhom reġgħu ġew "reinstated" fil-korp, żgur li dan innumru naqas. Fl-opinjoni tagħna sa sentejn oħra ma jkunx baqa' minn din il-kategorija ta' pensjonanti għax ikunu laħqu l-età ta' 55 sena.

**b) Dwar dawk il-ftit pulizija pensjonanti li rtiraw bil-pensjoni 15/25 sena ilu li għandhom pensjoni miżera li żgur ma jistgħux jgħixu biha.**

Fil-fehma tagħna dawn l-aktar li qegħdin ibatu għaliex il-pensjoni tagħhom hija baxxa ħafna u żgur ma tlaħħaqx mal-bżonnijiet tal-lum: barra minn dan il-pensjoni hija ffriżata u per konsegwenza ma tistax tiżdied.

Anke jekk issir reviżjoni fuq is-salarju tal-lum dan ma jistax japplika għalihom peress li l-pensjoni tiġi kkalkulata fuq bażi ta' l-aħjar tlett snin fl-aħħar għaxar snin, ir-raġuni hija li ħarġu snin ilu meta l-pagi kienu għadhom baxxi.

Illum jekk tqis li matul dawn l-aħħar snin il-pagi kemm avvanzaw issib li dawn il-pensjonanti li rtiraw bil-pensjoni taż-⅔ tas-salarju li kellhom, paragunata ma' tal-lum mihiex aktar minn ¼ tas-salarju attwali.

Oriġinarjament ir-relattività tal-pensjoni kellha tinżamm mas-salarju tal-lum skond ir-rank li kellhom qabel ma rtiraw mis-servizz iżda minħabba l-freeze fuq il-pensjoni dan l-iskop ma ntlaħaqx: għalhekk qegħdin inressqu dan għall-attenzjoni tiegħek għal xi forma ta' soluzzjoni biex tittaffa xi ftit it-tbatija li ħolqu dawn il-miżuri.

Fil-fehma tagħna r-relattività tal-pensjoni għandha tkun relatata ma' l-aħħar rank li kellhom qabel ma rtiraw mis-servizz, vis-a-vis il-pensjoni preżenti ta' dak ir-rank.

Filwaqt li nroddulek ħajr ta' l-attenzjoni u l-interess li ħadt għall-ilmenti tagħna, aħna fiduċjużi li jiġu kkunsidrati.

Waqt li nixtiequlek suċċess fil-ħidma ġdida tiegħek, insellu għalik.

---

N.B.: Ħafna pensjonanti wrew it-tħassib tagħhom għax fil-proposta 'B' li hemm imressqa fil-Memorandum lill-Ministru tal-Finanzi, ġie msemmi ż-żmien ta' dawk il-pensjonanti li rtiraw bejn 15 u 25 sena ilu.

Dawn il-pensjonanti għandhom iserħu rashom, għax iż-żmien imsemmi fil-proposta mhux biex jiġi stabbilit iż-żmien li fuqu għandu jsir l-assessment tal-pensjoni, iżda sempliċiment ittieħed bħala eżempju biex il-Gvern ikollu żmien speċifikat minn fejn jibda jikkunsidra għal żjieda fil-pensjoni.

Hija ħaġa ovvja, li dawk li rtiraw aktar minn 25 sena ilu, żgur li l-pensjoni tas-servizz hija baxxa ħafna.

**Leħen**
**l-Għaqda**
**tal-Pulizija**
**Pensjonanti**

# MALTA POLICE MUTUAL HELP ASSOCIATION

## KUNDIZZJONIJIET

1. It-Teżorier Onorarju tal-M.P.M.H.A. li hu il-Kaxxier ta' l-Uffiċċju prinċipali tad-Dipartiment tal-Pulizija jew kull Uffiċjal ieħor li jagħmel floku, għandu s-setgħa li fl-aħħar tax-xahar ta' wara l-mewt ta' membru ta' din l-għaqda jnaqqas is-somma ta' 12c5 mill-paga ta' kull membru li jiffirma dan il-patt.

2. Mill-iktar fis li jista' jkun, wara xahrejn fuq il-mewt ta' membru ta' din l-għaqda, it-Teżorier Onorarju għandu jagħti s-somma tal-flus miġbura lill-armla, lit-tfal, lin-nies il-mejjet li kienu jiddependu minnu jew lil kull persuna jew nies oħra li skond il-liġi, il-Membru ta' din l-għaqda jkun ħalla minn idejh li għandu jeħodha u dana b'irċevuta mingħand min jirċievi s-somma.

3. Kull Membru ta' din l-għaqda sakemm huwa jibqa' fil-Pulizija, għandu jobbliga ruħu illi jkompli jħallas is-somma ta' 12c5 dlonk wara l-mewt ta' wieħed mill-imseħbin fil-għaqda. Madankollu huwa jkun jista' jħalli minn Membru meta jiġi li jirtira bil-pensjoni jew b'somma mis-servizz tal-Pulizija.

4. Dawk il-Membri li jirtiraw bil-pensjoni jew b'somma mis-servizz tal-Pulizija jkollhom id-dritt illi jibqgħu Membri sakemm huma jkomplu jħallsu 12c5 fil-mewt ta' membri sħabhom. Dawn il-Membri għandhom igħarrfu lit-Teżorier Onorarju b'kull tibdil fl-indirizz ta' darhom.

5. Kull Membru ta'din l-għaqda illi, għal xi raġuni li mhix imsemmija f'dawn ir-relogamenti, ma jibqax fis-servizz tal-Pulizija, jitlef kull dritt ta' profitti sew fil-ħajja kemm f'każ ta' mewt.

6. Meta fil-mewt ta' xi wieħed mill-Membri tal-għaqda jkun hemm iżjed minn bniedem wieħed għandu d-dritt għas-somma miġbura mit-Teżorier Onorarju s-somma li tkun ingabret tiġi mqegħda mit-Teżorier Onorarju fil-Qorti Ċivili u dawk li jidhrilhom li għandhom id-dritt għas-somma ma jkollhomx iżjed il-jedd li jieħdu s-somma mingħand it-Teżorier Onorarju jew mingħand ebda Membru tal-għaqda. Kull kwistjoni li dawn in-nies ikollhom bejniethom fuq min għandu d-dritt għas-somma tiġi maqtugħa mill-Qorti.

7. Wara li jgħaddi xahar sħiħ mill-mewt ta' Membru tal-għaqda, it-Teżorier Onorarju ma jilqa' l-ebda talba ta' dritt li wieħed jista' jkollu għas-somma.

8. Dawk il-membri tal-Pulizija li ma jkunux iridu jissieħbu jew li ma jilħqux jissieħbu f'din l-għaqda fi żmien xahar li jkun ħareġ dan il-ftehim jew patt li għandu jsir, ma jkunux jistgħu jissieħbu wara li jkun għadda ż-żmien.

9. Kull min jidħol fil-Korp tal-Pulizija wara li jkunu ħarġu dawn il-kondizzjonijiet, malli tiġih in-nomina tal-Gvern, jista' jissieħeb f'din l-għaqda.

10. Dawk il-pjazzanti kollha, li kienu iffirmaw l-ewwel dikjarazzjoni tal-proġett tas-sena 1926 u li dejjem ħallsu sal-jum li jkunu ħarġu dawn il-kondizzjonijiet, ikollhom id-dritt ikomplu jħallsu bħal qabel u jibqgħu igħoddu bħala Membri malli huma jiffirmaw dan il-patt.

11. Meta f'xahar żmien jiġi li jmutu iżjed minn Membru wieħed, il-Membri ta' din l-għaqda jkunu jistgħu jħallsu s-sehem tagħhom lid-dependenti jew esekuturi tal-membri mejtin bi ħlas ta' 12c5 fix-xahar jew bi ħlas ta' somma f'daqqa. Il-ħlasijiet li jkunu għalqu jitnaqqsu mill-paga ta' l-imseħbin.

12. It-Teżorier Onorarju jżomm reġistru aġġornu u fih ikun hemm imniżżel l-isem, il-grad, l-indirizz u ħwejjeġ oħra ta' kull Membru f'din l-għaqda.

13. Il-formoli kollha tad-dikjarazzjoni iffirmati mill-Membri ta' din l-għaqda jiġu miġburin u miżmumin flimkien mad-dokumenti taċ-ċertifikat fl-Uffiċċju ta' l-Ajjutant.

*Il-President*
*u l-Kunsill*
*ta'*



***l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti***
***jixtiequ l-Milied it-Tajjeb***
***u Sena Ġdida mimlija hena u risq***
***lill-Pensjonanti tal-Korp tal-Pulizija***
***u l-familji tagħhom***

## DIKJARAZZJONI TAL-PATT

Jiena, li hawn taħt iffirmajt ismi, nistqarr illi rrid nidħol sieħeb fil-Malta Police Mutual Help Association imwaqqfa fil-ħsieb li tgħin lil dawk li jiddependu mill-qliegħ jew paga tal-membri tal-Korp tal-Pulizija jew lil dak il-bniedem jew nies li kull Membru ta' din l-għaqda jista' f'kull żmien jagħżel skond il-liġi biex jiġbru s-somma ta' flus maħruġa minn din l-għaqda u nistqarr ukoll li jiena għandi noqgħod għall-kondizzjoniet imsemmijin hawn fuq.

Isem u Kunjom ........................................
Name and Surname

Grad ........................................
Rank

Stazzjon........................................
Station

Data ........................................
Date

Firma ta' xhud,
mhux inqas mill-grad
ta' Spettur ........................................
Signature of witness
not below the rank
of an Inspector

# Lm3,500 ........................... fil-

**Lotterija tal-Ġimgħa**

L-Ewwel Premju Lm2,000
Żewġ Premjijiet ta' Lm500
Ħames Premjijiet ta' Lm100

Imtella' kull nhar ta' Ġimgħa fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar.






# concrete products ltd.



Manufacturers of Precast & Prestressed Concrete Products

**Telephone: 491529 – 441359 – Telex: MW 1275**



R.C. PIPES SIZE RANGE:
200mm, 600mm diameter



HOISTING IN POSITION OF PRESTRESSED
HOLLOW CORE SLABS

BALLUT BLOCKS LTD.

*HIRE OF HEAVY MACHINERY AND EARTH MOVING EQUIPMENT*

- READY MIX CONCRETE
- HOLLOW CONCRETE BUILDING BLOCKS
- PRESTRESSED HOLLOW BRICK FLOORS
- PRESTRESSED HOLLOW CONCRETE PANELS

**BALLUT BLOCKS LIMITED,**
**WIED FILEP L/o NAXXAR – MALTA**
**Tel: 473093 – 474518 – 487738 – 472666**



VICTOR BONELLO

186 Merchants Street
Valletta tel. 606820

BONELLO

super fine quality drapery

**made in Huddersfield England**

# PAĠNA GĦAN-NISA

**Minn MARY**

**● Illum se nagħtikom xi ftit riċetti li fihom jidħlu l-laħam tad-Dundjan, bid-differenza li minflok riċetti ta' kif issajru d-Dundjan, dawn ir-riċetti tuża fihom dak il-laħam żejjed li jkun fadallek wara l-ikla tal-Milied li ħafna minna ndaħħlu d-Dundjan bħala l-'Main Course' (bl-eċċezzjoni tal-Mince Pies).**

*Minbarra hekk, dawn ir-riċetti jistgħu jintużaw ukoll b'tip ta' laħam ieħor, bħal ċanga, majjal eċċ, għaliex mhux darba u tnejn jibqgħalna xi laħam żejjed wara l-ikla, u nibdew nikkonfondu kif se nużawh. Naturalment, dan il-laħam ma jridx ikun minsus minn ġewwa l-platt, għalhekk tajjeb li nidraw li l-porzjonijiet fil-platt meta nkunu qegħdin inservu l-ikel nagħtuhom skond il-platt għand min ikun se jmur. Porzjon ikel ta' raġel għandu jkun differenti fil-kwantità minn dak ta' tifel ta' għaxar snin, għax dan ta' l-aħħar jekk ma jkollux aptit iktar idum idawwar l-ikel fil-platt milli jiekol.*

**LASAGNE BID-DUNDJAN U ZALZETT**

Ikollok bżonn: 2 Basal (imqatta'), Sinna Tewma (imqatta'), 2 imgħaref Butir; 125gr. Zalzett (imqatta'), 420ml Tomato Sauce, 250gr. Lasagne, (mgħolli), u mgħoddi minn passatur); 250gr. Dundjan (imsajjar), imqatta' fi slices); 125gr. ġobon (maħkuk), Tursin (imqatta'), Bżar u Melħ.

Kif tagħmilha: Aqli l-basla u t-tursin fil-butir għal ħames minuti fuq nar bati, żid iz-zalzett u kompli aqli għal ħames minuti oħra.



Ifrex 140ml. (⅓ tal-420ml) tat-tomato sauce fil-qiegħ ta' dixx baxx midluk bil-marġerina, għa mel staff lasagne fuqu, imbagħad staff zalzett (imqatta') u staff dundjan (slices), u ifrex ftit ġobon, bżar u melħ.

Erġa' rrepeti staff ieħor bit-tieni terz tat-tomato sauce, u bl-ingredjenti l-oħra bħall-ewwel staff kif diġà spjegat. Fuq kollox imbagħad ifrex l-aħħar terz tat-tomato sauce. Aħmi Mark 6 għal xi 25/30 minuta f'forn li jkun imsaħħan ftit minn qabel. Meta jkun lest ifrex fuqu t-tursin imqatta'.

**PASTARD BIS-SAUCE TAD-DUNDJAN**

Ikollok bżonn: Pastarda mdaqqsa, Żejt u Ħall, 140ml Mayonnaise, 4 mgħaref Ħalib, 187gr. Dundjan (imsajjar u mqatta' żgħir), ġobon, Bżar u Melħ.



Kif tagħmilha: Sajjar il-pastard (meta jsiru iftaħ f'bukketti mdaqqsin). Poġġi l-pastard fi platt kbir li se sservi fuq il-mejda. Ifrex fuqu ftit żejt u ħall. F'reċipjent ieħor Ħallat il-mayonnaise mal-ħalib, bżar u melħ, u l-biċċiet imqatta' tad-dundjan. Ifrex din it-taħlita fuq il-pastard. Tista' tħalli ftit mis-sauce fi skutella preżentabbli għal fuq il-mejda sabiex min jixtieq iżid id-doża tas-sauce ikun jista' jagħmel dan hu stess waqt l-ikla.

**MEAT PIES BIL-MILI TAD-DUNDJAN**

Ikollok bżonn: Għaġina 'Shortcrust' (skond in-numru ta' 'meat pies' li tkun se tagħmel), Basla, Zokk Karfusa, mgħarfa Margerine, 250gr. Dundjan (imsajjar u mqatta' biċċiet żgħar), 2 mgħaref Chutney, Bżar u Melħ.

Kif tagħmilhom: Qatta' l-basla u l-karfusa biċċiet żgħar. Aqli fuq nar bati sakemm jirtabu. Żid il-biċċiet tad-Dundjan, Chutney, bżar u melħ. Ifrex ftit minn din it-taħlita fuq ir-roti ta' għaġina li tkun ftaħt u qtajt roti (daqs 7cms 'l waħda) idlek ix-xifer bi ftit ilma jew ħalib, poġġi rota oħra għaġina fuq dik li jkollha l-mili fuqha li x-xfar tagħha tkun dliktom bl-ilma jew ħalib, u għafas id-dawra xifer ħafif b'furketta sabiex iż-żewġ roti għaġina jingħaqdu.

Idlek dixx u ifrex fuq id-dlik ftit dqiq. Poġġi l-'meat pies' ħdejn xulxin fid-dixx u aħmi f'forn moderat, Gass Mark 6 għal 20-25 minuta sakemm tara l-wiċċ tat-tortellini ftit ħomor.

**MINCE PIE**

Ikollok bżonn: Tamal imqatta' (100gr. tamal ma' kull 200gr għaġina, jew inkella tixtru fliexken apposta għall-mili), Ftit Żbib u Konfettura mqatta', Larinġa u Lumija maħkuka, xi ftit trab ta' l-Imsiemer tal-Qronfol, biċċiet taċ-Ċkkulata.

Kif tagħmilhom: Iftħu l-għaġina rqiqa (daqs 5mm), poġġuha fil-forom żgħar li jkunu diġà midlukin bil-butir, f'kull forma itfa' ftit mit-taħlita ta' l-ingredjenti msemmija hawn fuq. Fuq kull forma għamlu salib bi strixxi ta' l-għaġina (daqs 1cm ħxuna kull strixxa), u aħmihom f'forn moderat sakemm jiħmaru. Dawn tistgħu sservuhom ukoll waqt it-te.

**Xewqat sbieħ għall-Milied Hieni u Sena Gdida mimlija Risq u Barka lill-qarrejja ta' din il-paġna u l-familji tagħhom.**

**MARY**

# DRIVING UNDER THE INFLUENCE OF DRINK AND DRUGS

By
Dr FRANCO BONDIN LL.D.

PART 4

So ideally if it can be shown that there is reasonable doubt whether the injected insulin, or any other drug for that matter, was more than a predisposing or historic cause in the lack of proper control, and could not have been foreseen, the driver should have a defence (Rev Wickens 1958 42. Cr. App. R.236). Indeed it could be argeed that if a diabetic driver omits to take insulin and suffers a comd in consequence he is not litenally under the influence of a drug. The offence appears to contemplate a positure act in taking a drug not an omission to take a drug.

In this context reterence should be made to regulation 41 of Motor Vehicles Regulations wherein is contemplated that the Commissioner of Police may suspend or revoke the licence of a person who is physically or redically unable to drive a vehicle without risk to the public. But great care should be taken in not making social generalisations on the basis of a few instances of mischief. A single accident involving a diabetic driver is not sufficient for stigmatizing all diabetic drivers as negligent; and it could be argued that a diabetic doctor for whom the use of a car is essential in his professional calling, is a smaller risk to the community than an inexperienced youth driving a very powerful car which his father has lent him!

It is interesting to note that under the Californian Vehicle Code (section 23152 'c') while it is unlawful for any person who is addicted to the use of any drug to drive a vehicle, this prohibition does not extend to a person who is participating in a methadone maintenance treatment programme under the Welfare and Institutions Code whereby drug addicts are administered methadone in an attempt to wean them of illicit drugs.

**"Under the Influence" and "Proper Control"**

In Police vs R.W. Groves(9) Harding J. said that even though the words used in s 15 of R.T.A. 1930 (U.K.) "Tö such an extent as to be incapable of having proper control of the vehicle" were not reproduced in Maltese Law, the phrase should be logically read into the section in order to have a reasonable construction; and in order to convict on a charge under s 14 of chapter 105 it is therefore necessary to satisfy the Court that the state of drunkenness was such as to affect driving making it unsafe.

However, in certain jurisdictions which have followed the British model it has been held that there is a distinction, though a very fine one, between driving under the influence simply and the requirement of proper control. In England where a jury found a person "guilty of being under the influence of drink", the Court of Criminal Appeal held that a conviction of driving while under the influence etc, contrary to s 15(1) was bad, since the verdict was ambiguous and only showed that the jury was agreed that the appellant was under the influence of drink, not that the influence was such to render him incapable of having proper control of the vehicle.(27) Similarly in Australia it has been held that where the prosecution has only to establish that the defendant was driving under the influence, it merely has to prove that he was at the relevant time, in fact, in some observable degree influenced by the liquer or drug. If a driver drinks heavily but shows no signs that his faculties are affected there is no manifestation of his committing the offence. There must be sensible signs that he has been affected. But the prosecution does not need to prove that he was as a result of that driving incapable of exercising proper control.(28) In other jurisdictions the prosecution needs to prove that the driver is under the influence to the extent that he is incapable of having proper control and Maltese Appellate Court judgment afore quoted is in this sense.(29)

Perhaps the difference between the two views is a difference of degree which places a greater burden on the prosecution where it has to prove an absence of a capacity on the driver's part to control the vehicle properly. It has been said that according to one view the prosecution does not need to prove that the driver was incapable of proper control. There may be evidence to show that he lacked proper control. Such evidence may go to show that he was incabpable of having proper control, but the essence of the offence is to drive under the influence of liquor or drugs whether or not his driving capacity is thereby affected. Any material degree of disturbance of function of the physical of mental faculties produced by the ingestion of liquor or drugs, so that they are not functioning normally is sufficient to constitute the condition of being "under the influence" (30); while, if the prosecution has to establish both the "influence" and lack of "proper control", there may be sufficient evidence to show that a driver is under the influence but there may not be sufficient evidence to show that he was so much under the influence or to be incapable of exercising effective control.

**TO BE CONTINUED**





Fuq: Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija, u Pulizija sejrin għaċ-Ċerimonja tat-Tberik ta' l-Oqbra fiċ-Ċimiterju ta' l-Affolorata.
Taħt: Waqt iċ-Ċerimonja fuq l-Oqbra.

# TBERIK TA' L-OQBRA LI L-KORP TAL-PULIZIJA GĦANDU FIĊ-ĊIMITERJU TA' L-ADDOLORATA

**• Nhar il-Ħadd, 1 ta' Novembru 1987, saret iċ-ċerimonja tat-tberik ta' l-oqbra ta' l-ex-Membri tal-Korp tal-Pulizija midfuna fis-Sezzjoni li l-istess Korp għandu fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.**

Iċ-ċerimonja bdiet billi kontinġent tal-Pulizija mmarċja minn ħdejn il-bieb prinċipali taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata għal ħdejn l-oqbra. Hawnhekk sar qari mill-Vanġelu u talb b'suffraġju għall-mejtin li jinsabu midfuna f'dawn l-oqbra. Waqt iċ-ċerimonja sar ukoll kant reliġjuż mit-tfal ta' l-Istitut San Ġużepp, Ħamrun.

Wara t-tberik ta' l-oqbra tpoġġew żewġ kuruni mal-monument li hemm fuq l-istess oqbra, waħda mill-Kmandant tal-Pulizija l-Kurunell John Spiteri f'isem l-uffiċjali tal-Korp, u l-oħra minn I/SM Harold Harrison f'isem l-'Other Ranks' tal-Korp tal-Pulizija. Tpoġġew kuruni oħra mis-Segretarju ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija s-Surġent 649 M. Saliba, mill-I.P.A. Sezzjoni Maltija, u mill-Għaqda Pulizija Pensjonanti. Diversi kuruni u fjuri tpoġġew fuq l-oqbra minn membri oħra li għandhom lil xi ħadd midfun f'dawn l-oqbra.



Għal din iċ-ċerimonja attendew numru sabiħ ta' Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija, Membri u ex-Membri tal-Korp, kif ukoll għadd sabiħ ta' familjari ta' l-ex-Membri midfuna f'dawn l-oqbra.

# PAĠNA GĦAT-TFAL

● Try making a simple paper flower – an old – fashioned rose or a daffodil or a tulip. After a little practice you may find you want to go on and make many different and more difficult flowers.

You will find the instructions for making each flower or spray of flowers very simple. Follow them carefully. Make bouquets of flowers as gifts for your friend, or for centerpieces for your table, when you are having a party.

***PART 4***

## PANSIES

Cut patterns of pansy petals (2 sizes), calyx, leaf and small color sections (Patterns a, b, c, d and e)




### CENTERS

Cut a strip of amber-colored or yellow crepe paper ¾" wide, across the grain of the paper. Twist between the thumb and forefinger to make a tight roll.




Cut into 1" lengths for each flower (Picture 1).

### PETALS

Use Patterns a and b to cut out 5 petals in crepe paper. Cut the 2 top petals and the 2 side petals from Pattern a, and the bottom petal from Pattern b. You can make them all the same color – purple, yellow, orchid, or white – or you can make the 2 top petals a lighter shade than the 3 lower petals. Or you can make 3 yellow and 2 purple petals, or 3 purple and 2 yellow.

For the small color section (Pattern e) that goes at the base of each of the 3 lower petals use darker tints of the same color as your petals, or a different color that blends with it. For example, when the petals are orchid or purple, the small color sections can be yellow. When the petals are yellow, the small color sections can be brown. When the petals are white, the small color sections can be yellow. Paste these color sections on the 2 side petals and on the lower petal (Picture 2). They can be colored paper or white paper colored with water-color paint put on with a very fine brush.




Make tiny flutings on the edges of all the petals. (Seepage 151 for how to flute the edges of petals).

### CALYX

Use Pattern c and cut a calyx in green paper for each flower.

### LEAVES

Use Pattern d and cut 3 leaves for each flower.

### PUTTING THE PARTS OF THE FLOWER TOGETHER

Arrange the 5 petals around one end of the center roll. Paste the bottom petal in place, then the 2 side petals, then the 2 top petals. Bind them to the center roll with spool wire, leaving 2 ends of spool wire long enough for a flower stem.

Wrap the flower stem with green crepe paper or green florist's tape. Place your leaves about 3" from the bottom of the stem and wrap again.

Bend the flower slightly on the stem and flatten out the petals to make them look natural.






***Nixtiequ Milied Hieni u Sena Ġdida mimlija Hena u Risq u Barka lit-tfal qarrejja ta' din il-paġna u l-familji tagħhom***




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories
Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock
Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 225287-607707

# F.G.I. & C. ATTARD LTD.

## Wholesalers of the best Italian ceramica

13 – 16 St Paul Street,
Valletta

Telephone: 226967; 626773



# G+C ALUMINIUM LIMITED





SPECIAL OFFER



(Subsidiary of G & C Alumium Ltd.)

***Manufacturers of: Rubber for the***

- **ALUMINIUM INDUSTRY** • **AUTOMOBILE INDUSTRY**
- **MARINE INDUSTRY and** • **REFRIGERATION INDUSTRY**

**G+C RUBBER & PLASTICX EXTRUSION LIMITED**

***ALL TYPES OF ELECTRICAL CABLES UNDER BRITISH STANDARDS***

**G+C NOTABILE ROAD, MRIEHEL**
**TEL: 487043/487696/447350** **TELEX: 372 MW**

10% DISCOUNT ON ALUMINIUM WORKS

# McSweeney

*mill-*

*Kavallier*

***JOSEPH GALEA***

**● Fiċ-ċimiterju ta' San Lawrenz, barra l-ħitan tal-Birgu, hemm monument fuq qabar, li d-dawl tax-xemgħat donnhom ma jonqsu qatt minn fuqu. Donnu li fost dawk kollha li hemm midfuna hemm, mal-milja taż-żmien, dan il-qabar biss baqa' u għadu mfakkar, minkejja li min hu midfun fih ilu mejjet mija u ħamsin sena.**

Il-każ tal-mewt ta' dan kien qanqal għajdut kbar, taħwid fl-imħuħ ta' bosta bigotti, li dak iż-żmien kienu bil-gżuż, u mibegħda bejn uħud mill-Maltin li kellhom fehmiet kontra l-Ingliżi, u l-mexxejja ta' dak iż-żmien.

Il-ġrajja ġbarniha mid-dokumenti, u mhux mill-għajdut tan-nies.

Nhar it-8 ta' Ġunju, ta' l-1837, fuq abbord bastiment tal-gwerra Ingliż, **Rodney**, ankrat fin-nofs tal-Port il-Kbir, kien hemm dehra ġdida, u mhux solta, għal Malta u għall-Maltin, għaliex fejn kien marbut il-bastiment, biswit il-Ponta ta' l-Isla, missirijietna kienu mdorrijin jaraw it-tlielaq tad-dgħajjes.

## FORKA FUQ BASTIMENT

Madwar ir-**Rodney** kien hemm bosta laneċ, dwar 14-il waħda, mibgħuta bin-nies minn bastimenti oħra li kienu ankrati fil-port. Dgħajjes u kull għamla ta' ordinji oħra tal-baħar, bdew jingemgħu ukoll fl-inħawi tal-fregata, imqanqlin mill-kurżità x'kien se jiġri dak inhar, avolja bosta kien jafu li fuq dak il-bastiment kellha ssir il-forka.

F'Malta kellna għamla oħra ta' forka, għalkemm fil-proċedura nija l-istess, jiġifieri l-persuna kienet tiġi mdendla minn ħabel marbut ma' għonqu. Iżda din kienet issir fuq l-Għallis tal-Furjana fejn kienu jgħidulu t-Tripunti, kważi biswit is-suq ta' Belt is-Sebħ tal-lum.

Wieħed morin jismu Thomas McSweeney, ġuvni Irlandiż ta' 23 sena, magħruf minn sħabu b'tifel ta'jjeb u dħuli, u ta' kondotta eżemplari, kien ġie kkundannat għall-mewt, u biex jiġi mgħallaq fuq il-fregata.

X'kienet il-ħtija ta' McSweeney, u x'kien għamel, għaliex safejn kien magħruf, u jafu l-Maltin, ma kien twettaq ebda delitt la f'Malta u lanqas f'Għawdex.

## TIKKETTA

Il-ġrajja tiegħu teħodna għax-xahar ta' Jannar 1837, meta McSweeney kien kellu xi jgħid ma' wieħed minn sħabu, il-Kapural James J. Allen. Dik il-ħabta l-bastiment kien ankrat fil-bajja ta' Barcellona, Spanja. Allen kien għassa fuq il-gverta, x'ħin inzerta li għadda minn ħdejn McSweeney. Donnu wkoll li bejniethom it-tnejn kien hemm nitfa ta' tikketta, għaliex ta' kull meta l-Kapural Allen kien jara lil McSweeney, kien jinsolentah u joffendih bi kliem iebes u faħxi.

Dak inhar il-Kapural kif ra għaddej lil sieħbu McSweeney minn fuq id-deck, beda bħas-soltu, jinsolentah, u għaddielu wkoll ċerti rimarki koroh, li mhux biss kienu weġġgħu qalb McSweeney imma kien offendielu wkoll ġiehu.

Dlonk ġew fl-idejn, għax tlewmu bl-ikrah, u f'daqqa waħda McSweeney, imbotta u xewlah 'il bogħod minnu lill-kapural, li dan bl-iskoss waqa' u ntefa' għal taħt il-gverta. Dik il-waqa' kienet ġietu ħażin, għaliex kien weġġa' sew bil-ksur li ġarrab, li ftit ġranet wara miet.

Meta, imbagħad, bdew jinvestigaw il-każ abbord stess, l-Ammiral kien ordna li McSweeney jintbagħat Malta fuq il-bastiment tal-gwerra **Childers**, arrestat. u biex jistenna sakemm jitressaq quddiem il-Qorti Marzjali.

Il-bastiment wasal fil-Port il-Kbir f'nofs ix-xahar ta' Frar 1837.

Imbagħad meta kienu tħejjew il-proċeduri kollha tal-kumpilazzjoni, McSweeney tressaq għal ġuri fuq il-bastiment **Revenge.**

Instemgħu x-xhieda, kemm minn fost sħab l-akkużat, u sew minn dawk li kienu ħbieb tal-mejjet. Imma l-mument tal-verità jista' li ma tantx kien għoddu wasal fil-għan tiegħu.

McSweeney ġie mixli li kien qatel lill-kapural Allen, għax ried, u għax kien hemm ċerta animosità bejniethom.

Is-sentenza tal-Qorti kienet dik tal-mewt, u rabtu wkoll kundizzjoni magħha, li McSweeney kellhom jgħallquh fuq l-istess bastiment tiegħu, **H.M.S. Rodney**.

Imma dan il-bastiment kien qiegħed ankrat fil-**Port Mahon**, Spanja. Għalhekk l-awtoritajiet bagħtu malajr **signal**, kif igħidulu tan-Navy, biex ifittex jiġi lejn Malta.

H.M.S. Rodney daħlet fil-Port il-Kbir nhar il-5 ta' Ġunju 1837, u ankrat taħt Ras Ħanżir, fejn illum hemm iċ-**China Dock**.

## ASSISTENZA SPIRITWALI

Billi McSweeney kien Irlandiż u nisrani (Roman Catholic), kienu stiednu u talbu lil patri majjistru Tonna, Dumnikan, u lil qassis u duttur Dun Karm Falzon, biex jieħdu ħsieb l-aħħar ħinijiet tal-ħajja ta' McSweeney. Dawn ikkonfortawh, ġegħluh jindem mill-ħtija li kien għamel, bi kliem sabiħ iżda li jaqsam il-qalb, ta' żewġ għorrief li kienu.

Imbagħad mas-sebħ ta' nhar it-tmienja ta' Ġunju 1837, il-morin McSweenev, ġie trasferit għal fuq ir-**Rodney**, billi kienu għabbewh mill-art mill-ħabs fejn kien miżmum, fuq il-bastiment **Ceylon**, sakemm ġie kunsinnat f'idejn il-bojja fuq il-bastiment **Rodney**, il-bastiment tiegħu, fejn kien wettaq id-delitt. Ir-**Rodney** ħadet

## McSweeney

postha biswit il-Ponta ta' l-Isla, fejn kien hemm sorġuti bosta dgħajjes u nġenji oħra.

Kif instemgħu l-qniepen tal-fregati jdoqqu t-tokki tat-tmienja u nofs ta' fil-għodu, il-Kaptan Parker, qara b'leħen għoli, f'dik il-hemda u skiet kollu, id-deċiżjoni tal-Qorti Marzjali, u d-deċiżjoni kienet ġiet konfermata mill-Commander-in-Chief Sir Robert Stopford, il-kundanna tal-mewt.

U kif għamel il-ħin, tellgħu lil McSweeney fuq speċi ta' palkett ftit fil-għoli, taħt l-arblu ta' quddiem, u kif ħa postu għaddewlu l-ħabel maħruġ minn buzzell imdendel ma' tard ta' penence, li kien jasal sa taħt il-grada fejn kien hemm skjerati sitt baħrin mibgħuta minn bastimenti diversi ankrati fil-port, biex kif jingħata s-sinjal, jiġbdu l-ħabel b'salt kbir.

Dak il-ħin instema' wkoll tir minn kanun, u f'għoli ta' madwar 65 pied ma' l-arblu, deher McSweeney mdendel, u jitbandal maż-żiffa u bl-iskossa tal-ġibda, u ruħu taret lejn il-Ħallieq.

Wieħed li kien preżenti għal din iċ-ċerimonja, ħalla miktub fid-djarju tiegħu, McSweeney kien miet ta' veru nisrani u sobgħieni.

Kien laħaq għadda ħafna ħin u McSweeney kienu ħallewh imdendel biex bħal iservi ta' nuffara għal dawk kollha li b'xi mod kellhom jitilfu l-boxxla u jwettqu delitt bħal tiegħu.

Imbagħad waslu l-fratelli tar-Rużarjanti, ta' San Duminku tal-Belt, li niżżluh minn fuq abbord u ħaduh proċessjonalment għall-kappella tal-Fortizza tas-Salvatur, fuq il-Mina tal-Kalkara, fejn wara li sarulu s-soliti funzjonijiet, jiġifieri r-reċita u l-offiċjatura tal-mejtin, u tqaddset quddiesa għal ruħu, x'ħin spiċċaw ħadu l-kadavru tiegħu proċessjonalment għad-difna fiċ-ċimiterju ta' San Lawrenz.

U minn dak inhar 'l hawn kemm nies devoti marru u għadhom imorru fuq dan il-qabar biex ipoġġu fuqu l-fjuri, u jixgħelu xemgħat u lumini, min jaf għaliex lilu biss?

Kemm inkitbu poeżiji dwar id-delitt, avolja dawk it-taparsi awturi ma kienux la preżenti għall-mewt, u lanqas ma jafu x'kien hemm bejniet McSweeney u Allen, il-morin u l-kapural, fuq l-istess bastiment tal-gwerra. Però, jista' jagħti l-każ li billi dak iż-żmien seta' kien hawn tixrid ta' ftit mibegħda lejn l-Ingliżi, imxerrda minn uħud li l-aktar li kienu jgawdu minn magħhom, u mill-ftit tagħlim tal-katekiżmu, kienu waħħlu fl-Ingliżi protestanti, li qatlu baħri nisrani.

Dari, f'kollox kienu jdaħħlu l-imma...

Uħud kienu kważi ppretendew li McSweeney kellu jitressaq quddiem il-Qorti Maltija. Id-delitt ma kienx twettaq f'Malta, u lanqas ma kien twettaq f'territorju fl-ibħra Maltin, imma fil-port ta' Barċellona. Il-liġijiet Maltin kienu jaqgħu taħt il-**Court of Special Commission**, li kienet saret bi Proklama maħruġa mill-Palazz nhar it-31 ta' Mejju 1830, jiġifieri kienet bdiet sistema oħra tal-Qrati, u mhux dik li konna writna minn żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Fil-fatt l-ewwel Qorti Marzjali tan-Navy, biex nagħżluha minn dik tal-Militar, li qatt sar f'Malta fi żmien l-**interregnum** Ingliż, ta' bejn it-tkeċċija tal-Franċiżi fix-xahar ta' Settembru 1800, u meta l-gżejjer kienu daħlu jagħmlu sehem mill-Commonwealth Ingliż fis-sena 1814, kien sar Qorti Marzjali tan-Navy meta kienu tressqu għall-ġuri tliet **mutineers** fuq il-brigantin **Gozo** fis-sena 1801. It-tieni każ kien dak ta' Alessio Aureaci fis-sena 1810, u t-tielet dan ta' McSweeney.

## ADDICTED TO HEROIN

**So now man, you've grown tired of grass,
L.S.D. Cocaine and hash.
And someone pretending to be your good friend said,
I'll introduce you to miss HEROIN
Well before you start fooling around with me,
Set before you sorrow it will be,
I've sent men much stronger than you to their grave
You think you could never become a disgrace,
And end up an addict to poppy seed and waste.
So you'll start inhaling me one afternoon,
And take me into your arms very soon.
Once you have taken me deep into your veins,
the craving will nearly drive you insane,
You'll need plenty of money (as you've been told)
For darling I'm much more expensive than gold
You'll swindle your mother just for a buck,
You'll turn into something vile and corrupt.
You'll sing and you'll steal for my narcotic charm,
And feel content only when I am in your arm,
The day you realise the monster you've grown,
You'll solemnly swear to leave me alone,
Or you think you've got the mystical knack,
Well just try to get me off your back,
The vomit, the cramps, you're cut in a knot,
Your janghing nerves scream out for a shot,
The hot sweat, the cold cramps of withdrawal pains,
That can only be soothed by my little white grains,
There's no other way; there's no way to look back,
For deep down you know that you're hooked.
You'll desperately turn to the pusher and then....
You'll welcome back into your veins once again
And when you return (as I've foretold)
I know that you'll give me your body and soul,
You'll give me your morale, your conscience, your heart
And then you'll be mine, TILL DEATH DO US APART.**




# The car for the times, offering styling with a difference

The New Mazda 626 is not only aerodynamically efficient, but has the looks that endure.

The functional and modern design philosophy that gave birth to these crisp lines is also evident in the broad panels of glass, minimal use of chrome, and smooth body surface right down to the flat wheelcovers.

And before you get carried away ... the standard of performance and comfort is just as extraordinary.

## All-New FWD Mazda 626

**4-door Saloon/2-door Coupe**



A car for the times, a style that will not date.

gasan
Group of Companies

Mazda Showrooms,
International Automobiles Limited,
363, Rue D'Argens, Gzira.
Tel: 330001/2/3, 315644
Gozo Garage, Victoria, Gozo.
Tel: 551866, 553734.

mazda

# NORDMENDE




Trade enquiries:

**CUTAJAR LTD.** Aquaduct Street, B'Kara. Tel. 441720

Showroom: **SONIC** 92, St. John Street, Valletta. Tel. 226978

# Admissibility of Post-Hypnotic Testimony

**By KIMBERLEY A. KINGSTON**
Special Agent • FBI Academy • Legal Counsel Division
Federal Bureau of Investigation • Quantico, VA

**PART V**

*Law enforcement officers of other than Federal Jurisdiction who are interested in any legal issue discussed in this article should consult their legal adviser. Some Police procedures ruled permissable under Federal constitutional law are of questionable legality under State Law or are not permitted by law or are not permitted at all.*

Prior to trial, the defendant moved to suppress the victim's proposed in-court identification on the ground that the original identification procedure was tainted by the suggestive hypnotic process, and therefore, was inherently unreliable. After hearing expert testimony regarding the reliability of hypnotically refreshed recall in general and reviewing the circumstances of the particular hypnotic process in question, the trial court granted the defendant's motion to suppress. On appeal, the New Jersey Supreme Court upheld the trial court's decision to suppress the in-court identification and imposed the following procedural safeguards to insure the reliability of post-hypnotic testimony:

1) The hypnotic session should be conducted by a licensed psychiatrist or psychologist trained in the use of hypnosis.
2) The qualified professional conducting the hypnotic session should be independent of and not responsible to the prosecutor, investigator, or the defense.
3) Any information given to the hypnotist by law enforcement personnel prior to the hypnotic session must be in written form so that subsequently the extent of the information the subject received from the hypnotist may be determined.
4) Before induction of hypnosis, the hypnotist should obtain from the subject a detailed description of the facts as the subject remembers them, carefully avoiding adding any new elements to the witness' description of the events.
5) All contacts between the hypnotist and the subject should be recorded so that a permanent record is available for comparison and study to establish that the witness has not received information or suggestion which might later be reported as having been first described by the subject during hypnosis. Videotape should be employed if possible, but should not be mandatory.
6) Only the hypnotist and the subject should be present during any phase of the hypnotic session, including the pre-hypnotic testing and post-hypnotic interview.[28]

Clearly, these safeguards, when made a condition precedent to admission of post-hypnotic testimony, are designed to limit the effects of hypersuggestion, hypercompliance, and confabulation while, at the same time, providing the court with adequate grounds on which to judge the reliability of post-hypnotic recall.[29]

No matter what test in this category is used to determine the admissibility of post-hypnotic testimony—the elementary test of reliability, balancing, compliance with procedural safeguards, or a combination of all three—the result is the same: The party attempting to use a previously hypnotized witness must first persuade the court that the post-hypnotic recall of the witness is reliable and not simply the product of the hypnotic process. Once the initial burden is met, the testimony will be admitted, "leaving the jury free to hear and weigh all evidence the opponent of the testimony may offer regarding possibilities of pseudomemory resulting from suggestion, confabulation, or deliberate untruthfulness."[30]

***"...The qualified professional conducting the hypnotic session should be independent of and not responsible to the prosecutor, investigator, of the defense..."***

### Hypnotically Induced Recall Inadmissible

In a third category of cases involving hypnosis, a growing number of appellate courts are retreating from the case-by-case analysis of admissibility of post-hypnotic testimony, contingent upon its reliability. These courts are holding, as a matter of law, that the probative value of hypnotically induced recall is outweighed by the danger of prejudice in every instance.[31] In their analysis, the courts that subscribe to this view unanimously rely on the test for the admissibility of scientific evidence announced in the 1923 case of *Frye* v. *United States*[32] to support their decisions.

**Footnotes**

[28] *Id.* at 89–90.

[29] Oregon has adopted similar safeguards by statute. *See*, Or. Rev, Stat, §136.675.

[30] *Supra* note 10, at 1290.

[31] *See, e.g., Prewitt* v. *State*, 460 So. 2d 296 (Ala. Cr. App. 1984); *People* v. *Quintanar*, 659 P. 2d 710 (Colo. App. 1982); *State* v. *Atwood*, 479 A. 2d 258 (Conn. Super. 1984); *Felker* v. *State*, 314 S.E. 2d 621 (Ga. 1984); *State* v. *Moreno*, 709 P. 2d 103 (Hawaii 1985); *State* v. *Seager*, 341 N.W. 2d 420 (Iowa 1983); *State* v. *Goutro*, 444 So. 2d 615 (La. 1984); *Commonwealth* v. *Kater*, 447 N.E. 2d 1190 (Mass. 1983); *State* v. *Ture*, 353 N.W. 2d 502 (Minn. App. 1984); *State* v. *Patterson*, 331 N.W. 2d 500 (Neb. 1983): *People* v. *Hughes*, 453 N.E. 484 (N.Y. 1983); *State* v. *Payne*, 325 S.E. 2d 205 (N.C. 1985); *State* v. *Maurer*, 473 N.E. 2d 768 (Ohio 1984); *Robinson* v. *State*, 677 P. 2d 1080 (Okla. Cr. 1984); *Com.* v. *Smoyer*, 476 A. 2d 1304 (Pa. 1984); *State* v. *Coe*, 684 P. 2d 668 (Wash. 1984).

[32] 293 F. 1013 (D.C. Cir. 1923).



# L-AKKWARJU

Kitba ta'
TARCISIO VELLA

IT-TIELET PARTI

**• F'DIN il-ħarġa jmiss li nibdew nippreparaw sabiex narmaw l-Akkwarju. Ma rridux però ninsew li stands li se npoġġu fuqu l-akkwarju. Dan li stand jista' jkun kemm tal-ħadid kif ukoll ta' l-injam. L-importanti huwa li dan li stand ikun riġidu u sod.**





Għalkemm xi wħud jaħsbu li l-ilma huwa ħafif, dan meta jkun f'volum kbir jiżen mhux ħażin. Għal dawk li jixtiequ jafu kemm jiżen l-ilma li għandhom jew li se jkollhom fl-akkwarju, kull ma jridu jagħmlu huwa li jaħdmu din il-formola ħafifa. L-ewwel, ikejlu l-qiegħ u jistabbilixxu x'qisien għandhom, imbagħad jimmoltiplikawhom flimkien, u jerġgħu jimmoltiplikawhom ma' l-għoli li għandhom ta' l-ilma fl-akkwarju. Wara, jiddevidu b'miljun (1000000) u r-riżultat ikun kilogrammi. Biex din il-formola taħdem tridu tkejlu bil-'milimetri'. Ħalli nagħtu eżempju:

Qiegħ – 1000mm wisa' u 500mm fond.

Għoli ta' l-ilma – 450mm.

Mela: 1000x500x450 = 225kg
1000000

Meta taraw dan ir-riżultat taraw li t-toqol ta' l-ilma mhux ċajta. Li stands jistgħu jkunu magħmula b'tali mod li fihom inkunu nistgħu nerfgħu l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-akkwarju. Min jaf jaħdem xi ħaġa fl-injam naf żgur li jista' joħloq stand riġidu, sod u sabiħ. Hawn fuq (lemin) tidher stampa ta' cabinet biex tieħdu idea.

Mela issa jmiss li nnaddfu l-akkwarju għall-aħħar darba qabel ma narmawh. Irrid infakkarkom li QATT m'għandkom tużaw xi tip jew ieħor ta' sapun. L-akkwarju jrid jitnaddaf minn ġewwa billi nużaw ftit melħ mill-oħxon u naturalment l-ilma. Wara rridu nlaħalħuh sewwa. Nistgħu nużaw biċċa pipe tal-plastic biex niġbdu l-ilma minn ġewwa l-akkwarju. Qatt tippruvaw taqilbu l-akkwarju biex tneħħu l-ilma, għax hemm il-periklu li nxaqqu l-akkwarju. Wara li tkunu laħlaħtuh u xxuttajtuh araw li ma jfettlilkomx tużaw xi 'wax' li jużaw in-nisa tad-dar biex inaddfu l-ħġieġ bih għax dan jagħmel ħsara lil Ħut.

Irrid ngħidilkom ukoll li bejn il-qiegħ ta' l-akkwarju u l-wiċċ ta' li stands jaqbel li nagħmlu biċċa 'jablo' id-daqs tal-qiegħ tiegħu. Niġu issa biex naraw x'inhuma l-affarijiet li għandna bżonn għall-akkwarju nnifsu.

(a) Ċagħaq u Ramel (b) Airstone (c) Pipe ta' l-Arja (d) Valvi (e) Suckers għall-Pipe Ta' l-Arja (f) Pompa ta' l-Arja (g) Heater (h) Filter (i) Termometru.

## ĊAGĦAQ U RAMEL

Fil-qiegħ ta' l-akkwarju rridu nagħmlu 40mm ta' ċagħaq u Ramel. Nistgħu nużaw Ċagħaq u ramel li nixtruh mingħand tal-ħanut (petshop), jew nużaw ċagħaq żgħir li nsibu ħdejn xatt il-baħar. Nistgħu wkoll nagħmlu taħlita ta' dawn iż-żewġ materji. Ma ninsewx naħslu sewwa ċ-ċagħaq u r-ramel għal aktar minn darba, kemm dak li jinxtara, kif ukoll dak li niġbru minn xatt il-baħar. Iċ-ċagħaq u r-ramel jagħti dehra sabiħa lill-akkwarju. Minn barra hekk, iservi sabiex inħawlu l-'pjanti' fih, kif ukoll biex il-ħmieġ tal-ħut u ikel żejjed jistrieħ fuqu u ma jibqax idur ma' l-ilma.

## AIRSTONE

Ikollna bżonn Airstone, waħda jew tnejn skond il-kobor ta' l-akkwarju. L-airstone tgħin għal 'oxygenation' u anke għaċ-ċirkolazzjoni ta' l-ilma.

## VALVI

L-ammont ta' Valvi li għandna bżonn jiddependi minn kemm għandna apparat li jaħdem bl-arja. Kull airstone jew ħaġ'oħra li taħdem bl-arja jrid ikollha valve separat. Barra minn hekk dejjem inħallu żewġ valvi żejda.

## SUCKERS

Dawn nużawhom sabiex inkunu nistgħu npoġġu f'posthom il-

•Ikompli f'paġna 27



# PULIZIJA JAGĦTU D-DEMM

•Ikompli minn paġna 4

Ringrazzjament imur ukoll għal dawk il-Membri diġà fil-Korp li ngħaqdu mar-rekluti msemmija u huma wkoll taw id-demm.

L-aħħar, però mhux l-inqas, ringrazzjament imur għad-Direttur tal-Bank tad-Demm fil-Furjana, it-tabib Paul Farrugia, u l-istaff tiegħu għal inkoraġġiment sħiħ li jagħti lil dawn il-gruppi meta dawn iżuru l-Bank tad-Demm biex jagħtu l-għotja tagħhom.

Grazzi ħafna u nispera li din l-għotja tikber aktar fil-furut.

**Insp. R.G. Zammit**




## APPELL

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta qiegħed jippjana u jaħdem fuq proġett sabiex jiġi mwaqqaf

**MUŻEW TA' OĠĠETTI U STORJA TAL-KORP TAL-PULIZIJA**

fejn jiġu esibiti materjal, ta' liema natura jkun, li għandu x'jaqsam ma' l-istess Korp.

Għalhekk, nistiednu lil dawk kollha li għandhom xi oġġetti, bħal Ritratti Qodma, Dokumenti, Midalji, Badges, Ilbies eċċ., li jistgħu jirregalawhom, jew jisilfuhom ħalli nieħdulhom ritratti, sabiex jagħmlu dan, biex il-Mużew jiġi attrezzat kif inhu xieraq.

Min igħin f'dan ir-rigward, ismu jitniżżel f'Album ta' Tifkira fis-Sala ta' l-Esibiti.

Nirringrazzjawkom minn issa.

## L-AKKWARJU

pajpijiet ta' l-arja fil-post li rridu mingħajr ma dawn joqogħdu jiċċaqilqu 'l hawn u 'l hemm.

**POMPA TA' L-ARJA**

Il-pompa ta' l-arja trid tkun b'saħħitha biżżejjed li tagħtina l-volum ta' arja li għandna bżonn biex inħaddmu l-apparat, speċjalment jekk il-filter ikun jaħdem bl-istess pompa. Ħaġ'oħra li rridu nkunu nafu dwar il-pompa hija kemm tagħmel ħoss biex taħdem. Billi ngħidu lil tal-ħanut isemmagħhielna ma jkun ġara xejn. Nixtieq ngħidilkom li pompa ta' l-arja li tagħmel ħafna ħoss biex taħdem tagħtikom fastidju żgur, speċjalment jekk l-akkwarju jkun viċin il-kamra tas-sodda. Meta twaħħlu l-pompa tridu tagħmluha xi 200mm 'l fuq minn wiċċ l-ilma fl-akkwarju. Jekk ma tagħmlux hekk jista' jagħti l-każ li meta jinqata' d-dawl, il-pompa tieqaf, u l-ilma jidħol mill-pajpijiet għall-pompa. Dan naturalment jikkaġuna ħsara fil-pompa.

# THE CATERING CO-OP LTD.

operators of

## Mc:BURGERS

*Freedom Square, Valletta. Tel. 222716*
*Bisazza Street, Sliema. Tel. 335319*

## Cafè De La Vallette

*City Gate, Valletta. Tel. 227704*

## M.V. GĦAWDEX

*Restaurant – Cafeteria*

OUTSIDE CATERING AND CANTEEN OPERATORS






**Manufacturers of:**

## OLYMPIC

**quality stationery**

MORONI STR. GZIRA TEL: 330869

**IL-MITHNA**
BONNICI

**New Dept. Opened**

**FOR KNITTED TOPS, LATEST FASHION FOR MEN, LADIES' & CHILDREN**



AT
NAXXAR ROAD,
BIKIRKARA
TEL: 445051 – 444782

- **FOR LATEST FASHION WINTER LADIES' TEXTILES**
- **CAR COVERS & CARPETS BY THE METRE**
- **BLANKETS, QUILTS, LARGE VARIETY OF TOWELS AND CURTAIN MATERIAL**
- **ALSO OTHER HOUSEHOLD GOODS**
- **LARGE VARIETY OF CARPETS**

# PARAMOUNT GARAGE
## MOSTA



255 Constitution Street
Mosta

***Malta's largest Bus Hire Fleet including Mini-Buses and Self-Drive Cars***

GENERAL HIRE SERVICE
Tel: 411193, 443296, 410220


serie brava
Have you placed your order?
Many others have, and they made a bargain! So why not you? — When for only
Lm150
you can get a first quality bathroom suite complete with ''Grohe'' chrome fittings and twelve colours to choose from!
LAILA CERAMICS
740 HIGH STREET, HAMRUN

Neriku

CONFECTIONERY

CATERERS FOR ALL OCCASIONS

TEL: 226688~220567

13, The Mall, Floriana.

P.S. 429 Ronald Cilia

# MAWRA F'GĦAWDEX MIT-TEAM TAL-FOOTBALL TAL-PULIZIJA

**Wara r-rebħa tal-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni fil-League tal-Gvern u Korpi Parastatali għat-team tal-football tal-Pulizija, il-Kumitat Sports tal-Pulizija organizza ħarġa ta' nofs ta' nhar fil-gżira ta' Għawdex.**

Din il-ħarġa ġiet organizzata nhar it-22 ta' Ġunju 1987, fejn membri tal-Kumitat u players tlaqna mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija f'xarabank tal-Pulizija għaċ-Ċirkewwa fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar. Mal-wasla f'Għawdex kien hemm jilqagħna l-Ispettur Anthony Borg li hu wkoll li Sports Officer tal-Pulizija. Mill-Imġarr irkibna f'xarabank li akkumpanjatna tul il-mawra kollha f'Għawdex u tlaqna mill-Għassa tal-Pulizija ta' Victoria, fejn wara waqfa qasira morna Marsalforn fejn il-kontinġent qatta' ftit siegħat ta' divertiment.



*It-team tal-Pulizija li lagħab kontra Nadur Youngsters*

Għal ħabta tal-ħamsa ta' wara nofs in-nhar morna ħadna Tea Break f'Restorant fil-viċin. Minn hawnhekk il-grupp reġa' lura l-Għassa tar-Rabat f'Għawdex fejn il-players biddlu biex jinżlu għal-logħba Friendly kontra Nadur Youngsters fis-Silver Jubilee Sports Ground. Għal din il-logħba ż-żewġ kumitati ftehmu biex tinxtara Trophy biex tinżamm bħala tifkira mit-team rebbieħ.

Il-logħba football man-Nadur Youngsters żvolġiet ruħha f'waħda nteressanti fejn iż-żewġ teamijiet kellhom ċansijiet tajba ta' skor. Mal-ħin, id-determinazzjoni tat-team tal-Pulizija ssarfet f'rebħa ta' 4-1 favur it-team tal-Pulizija. Li skorers għat-team tal-Pulizija kienu PC1119 Peter DeRaffaele, PC366 Emmanuel Psaila, PC 601 France Zammit u PC 607 Joseph Camilleri (penalty). Għat-team Għawdxi Nadur Youngsters skorja l-player Libjan Abdul.

Wara l-logħba t-team tal-Pulizija ġie ppreżentat bit-Trophy bħala tifkira. Mill-Ground, il-grupp tal-Pulizija reġa' lura l-Għassa ta' Victoria biex ibiddel,





*(Xellug) Azzjoni mil-logħba Pulizija vs Nadur Youngsters u (fuq) Membri tal-Kumitat u players tal-Pulizija waqt ħin ta' mistrieħ f'Marsalforn*

## It-team tal-football tal-Pulizija f'Għawdex

u minn hemm tlaqna lejn il-klabb ta' Nadur Youngsters fejn konna mistiedna għall-ikla organizzata mill-Kumitat u Membri ta' l-istess club Għawdxi.

Matul l-ikla u wara, il-membri taż-żewġ kumitati flimkien mal-membri taż-żewġ teamijiet qattgħu l-aħħar siegħat ta' din il-mawra fil-gżira ta' Għawdex f'atmosfera ferrieħa fost rakkonti ta' ċajt minn xi membri preżenti, b'PC 811 Vincent Busuttil ikun il-protagonista b'diversi rakkonti li allegraw lil dawk preżenti.

Min-Nadur tlaqna lejn l-Imġarr minn fejn erġajna lura Malta – kulħadd kuntent bis-suċċess ta' din il-mawra qasira iżda pjaċevoli fil-gżira ta' Għawdex.



It-team ta' l-Irish Naval Service

***FRIENDLY:***

## PULIZIJA.......4 IRISH NAVAL SERVICE.......1

**Formazzjoni tal-Pulizija**

PC 1018 V. Galea, PC 1219 J.C. Vella, PC 874 P. Zammit, PC 170 F. Zammit 2/L.T. Schembri A.F.M., PC 1447 G. Scicluna, PC 1310 D. Bugeja, PC 287 R. Aquilina, PC 66 E. Mamo, PC 783 L. Mercieca, PC 1119 P. DeRaffaele.

Din il-logħba ntlagħbet nhar l-Erbgħa 7 ta' Ottubru, 1987 fil-ground tal-football ġewwa ta' Kandja.

Ma' l-ewwel suffara, il-logħba żvolġiet f'waħda ferm kumbattuta fejn aktar ma beda jgħaddi l-ħin bdejna naraw bosta saves kemm mill-goalkeeper tal-Pulizija kif ukoll min-naħa ta' l-avversarji. Kien proprju fl-għoxrin minuta ta' l-ewwel taqsima li rajna l-ewwel goal. Dan wasal mit-team ta' l-Irish Naval wara azzjoni ta' corner b'daqqa ta' ras stupenda bil-ballun jispiċċa wara dahar il-goalkeeper tal-Pulizija. Ir-reazzjoni tat-team tal-Pulizija kienet waħda mmedjata, u l-periklu għal-lasti ta' l-avversarji beda jiżdied, fejn tliet minuti qabel il-mistrieħ kellna ballun jaħbat mal-lasta l-mimduda wara xutt sabiħ ta' PC 1119 P. DeRaffaele. L-ewwel taqsima spiċċat bl-iskor ta' 1-0 favur it-team ta' l-Irish Naval.

Fit-tieni taqsima t-team tal-Pulizija ħareġ aktar determinat u wara biss tliet minuti ġab id-draw

## PARTEĊIPAZZJONI TA' MEMBRI TAL-KORP TAL-PULIZIJA F'LEAGUES TAL-M.D.S.R.S.C.

**Fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Malta Drydocks Sports & Social Club, il-Kumitat organizzattiv tal-Malta Drydocks organizza tliet K.O. League – tad-Darts, Snooker u Table Tennis. Dawn kienu miftuħa għal teams magħmula mid-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Parastatali.**

Il-Kumitat Sports tal-Korp tal-Pulizija ġie wkoll mistieden biex jieħu sehem, u wara laqgħa mill-kumitat ġie deċiż li nieħdu sehem, u wara laqgħa mill-kumitat ġie deċiż li nieħdu sehem fil-League tad-Darts u dak ta' li Snooker.

It-team tad-Darts tagħna magħmul minn PC 353 B. Holmes, PC 811 V. Busuttil, PC 1060 G. Muscat, u PC 52 E. Agius tela' bil-polza biex jilgħab kontra t-team tal-Malta Shipbuilding. It-team tagħna kellu bidu tajjeb meta fl-ewwel logħba PC 811 V. Busuttil rebaħ lill-avversarju tiegħu T. Ebejer bl-iskor ta' 2-0. Wara kien imiss lil PS 353 B. Holmes u PC 1060 G. Muscat li tilfu ma' J. Crane u J. Borg bli skor identiku ta' 2-1.

L-aħħar logħba li kienet tiddeċiedi l-kwalifikazzjoni PC E. Agius tilef bli skor ta' 2-0 kontra C. Fenech biex ix-Shipbuilding għadda għar-Round l-ieħor tan-K.O.

It-team tal-Pulizija fil-League ta' li Snooker kien kompost minn PS 1401 J. Pisani, PC 522 C. Balzan u PC 1226 F. Mifsud. Dawn kellhom bidu ħażin kontra t-team tat-Telemalta għaliex tilef l-ewwel żewġ logħbiet meta PC 522 C. Balzan tilef kontra J. Caruana bli skor ta' 55-33 u 55-36, filwaqt li PS 1401 J. Pisani tilef ukoll bli skor ta' 58-42 u 39-33. It-tielet u l-aħħar logħba ta' PC 1226 F. Mifsud ma ġietx kontestata bejn iż-żewġ players peress li b'żewġ rebħiet it-team tat-Telemalta għadda għar-Round l-ieħor tan-K.O.

ORTSPORTSPORTSPORTSPORTSPORTSP
PORTSPORTSPORTSPORTSPORTSPORTS
TSPORTSP **P.S. 429 Ronald Cilia** TSPOIRTSPORTSPOR

***FRIENDLY OHRA:***

PULIZIJA..........................2

M.M. TALIANA .................2

**Wara l-ewwel logħba ta' ħbiberija li kienet ġiet organizzata mill-membri tal-Pulizija li jinsabu ġewwa Ta' Kandja, ġiet organizzata logħba oħra ta' ħbiberija, din id-darba kontra team Taljan bl-isem ta' 'Marina Militare Taliana', li huma membri tal-fregata 'EURO' li għamlet żjara f'Malta.**

Din il-logħba – bħal dik li kienet intlagħbet kontra l-Irish Naval Services, intlagħbet fuq ritmu ferm movimentat – bid-differenza li l-iskor finali spiċċa fi draw ta' 2-2.

Il-formazzjoni tat-team tal-Pulizija kienet bħal dik ta' l-ewwel logħba bid-differenza ta' xi players li ħadu sehem f'din il-logħba wkoll, li kienu Bdr Pace A.F.M., PC 559 Mulveyney, PC 1026 E. Mulveyney, PC 120 V. Pace, u Insp. Charles Cassar.

Il-logħba żvolġiet ferm kumbattuta fejn l-ewwel half spiċċa 1-0 favur it-team tal-Pulizija, b'goal skurjat mill-player PC 366 E. Psaila wara xogħol tajjeb ta' PC 120 V. Pace. Fit-tieni half it-team Taljan beda jaqsam aktar fil-logħob, fejn fit-tnax-il minuta ta' din it-taqsima ġabu d-draw ta' 1-1 minn azzjoni ta' free-kick. Wara biss ħames minuti minn dan il-goal, it-Taljani rnexxielhom imorru fil-vantaġġ u għamlu li skor jaqra 2-1 favur tagħhom wara żball difensiv mit-team tal-Pulizija.

Ħmistax-il minuta mit-tmiem it-team tal-Pulizija għamel sostituzzjoni fejn daħal jilgħab l-Ispettur C. Cassar, li ħalliet il-frott pożittiv. Kien fis-37 minuta fejn l-Ispettur C. Cassar ħarab in-nassa ta' l-offside mit-team Taljan, u b'mossa finta tefa' lill-goalkeeper Taljan naħa, u l-ballun fix-xibka n-naħa l-oħra, biex ġab ir-riżultat finali jaqra 2-2.

Referee tal-partita: PC L. Amaira.





*(Fuq) Il-formazzjoni tat-team tal-Pulizija li lagħab kontra t-team ta' M.M. Taliana (taħt)*




*Bdil ta' rigali miż-żewġ teamijiet*

## Friendly: Pulizija vs Irish Naval Service

permezz ta' daqqa ta' ras ta' PC 66 Mamo. Wara dan il-goal, it-team ta' l-Irish Naval tħawwad xi ftit fejn ta ċans lit-team tal-Pulizija jieħu l-inizjattiva f'idejh u jaddotta logħob sabiħ. It-tieni goal wasal fil-ħmistax-il minuta minn PC 874 P. Zammit. L-istess player għamel l-iskor 3-1 favur it-team tal-Pulizija fil-ħamsa u għoxrin minuta wara azzjoni personali.

L-iskor sar 4-1 fit-tnejn u tletin minuta minn PC 1310 D. Bugeja wara żball tad-difiża.

It-team tal-Pulizija baqa' jamministra l-vantaġġ sa l-aħħar suffara biex ħareġ rebbieħ bl-iskor jaqra Pulizija 4, Irish Naval Service 1.

Wara l-logħba ngħataw refreshments lill-parteċipanti kollha u lid-diriġenti taż-żewġ teamijiet fil-Mess tal-Pulizija ġewwa ta' Kandja.


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome.

# Open a Current Account with the Bank of Valletta






A current account with the Bank of Valletta saves so much time and trouble.

The Bank of Valletta is its only Bank in Malta that does not charge Ledger Fees.

Your money is safe and the signing of a cheque neatly covers bills and purchases.

For your convenience and safety –

**Open a current account with the Bank of Valletta.**

## Bank of Valletta Limited, Malta

*For a Better Service*